

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11410/26

AGRI 566
AGRIORG 91

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 355 final
Suġġett:	Pjan ta' Azzjoni għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-proteina tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 355 final.

Mehmuż: COM(2026) 355 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2026
COM(2026) 355 final

Pjan ta' Azzjoni

għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-proteina tal-UE

L-Ewropa tinsab f'salib it-toroq. F'dinja li qed tinbidel malajr fost l-inċertezza li dejjem tiżdied, hija meħtieġa azzjoni ambizzjuża biex nagħtu spinta lill-kompetittività ekonomika tagħna filwaqt li nsaħħu l-awtonomija strateġika tagħna. Bis-sigurtà u r-reżiljenza fil-qofol tal-aġenda politika u bi pressjoni dejjem tiżdied fuq il-mudell tat-tkabbir tal-Ewropa, id-dipendenzi ekonomiċi ewlenin qed jinbidlu f'vulnerabbiltajiet ġeopolitiċi.

F'dan il-kuntest, id-dipendenzi eżistenti fuq l-inputs importati, bħall-fertilizzanti, l-ġhalf u l-enerġija **mhux biss huma theddidiet għas-sigurtà tal-ikel tagħna, iżda vulnerabbiltajiet ċentrali b'impatt fuq ir-reżiljenza tagħna.** Għalhekk, huwa kruċjali għall-aġenda tal-UE dwar il-preparatezza u s-sigurtà li nnaqqsu dawn id-dipendenzi strateġiċi. Hija meħtieġa azzjoni kollettiva mill-partijiet ikkonċernati kollha biex tiggarrantixxi li l-UE tkun tista' tamplifika s-sigurtà tagħha kemm interna kif ukoll esterna⁽¹⁾.

Id-dipendenza kbira tal-UE fuq il-provvista tal-proteina għall-ġhalf minn għadd limitat ta' sorsi ta' oriġini mhux biss tagħmel lis-sistema agroalimentari tagħna vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet tas-suq globali, iżda taffettwa wkoll il-kapaċità tat-tnaqqis tar-riskji tal-ktajjen tal-provvista u tillimita l-progress fit-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà.

Kif tħabbar fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel⁽²⁾, il-Kummissjoni **żviluppata dan il-pjan komprensiv** biex tindirizza dawn l-isfidi. Dan jintegra l-politika, ir-riċerka u l-isforzi prattiċi biex tinholq sistema tal-proteina tal-UE aktar awtonoma u sostenibbli, filwaqt li jiġu diversifikati s-sorsi tal-importazzjonijiet. Id-diversifikazzjoni tal-proteina twieġeb għas-sejħa politika mill-mexxejja tal-UE minqux fid-**Dikjarazzjoni ta' Versailles**⁽³⁾ tal-2022 biex tiżdied il-produzzjoni tal-UE ta' proteini tal-pjanti u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-2023 dwar strateġija Ewropea dwar il-proteini⁽⁴⁾.

Iż-żieda fil-produzzjoni sostenibbli tal-proteina tal-pjanti fl-UE tirrikjedi li jinstabu l-inċentivi t-tajbin biex jiġu żviluppati kemm il-provvista kif ukoll id-domanda bħala pass ewlieni għall-UE biex tagħmel progress fuq ir-reżiljenza **trasformattiva** meħtieġa fil-kontinent. Sistema tal-proteina reżiljenti u sostenibbli mhux biss se tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-UE tas-sigurtà tal-ikel u l-enerġija, iżda se toħloq ukoll opportunitajiet ġodda fiż-żoni rurali, tikkontribwixxi għall-għan tan-newtralità klimatika sal-2050 u taċċellera l-implimentazzjoni tal-oġġettivi stabbiliti fl-istrateġija riċenti tal-UE dwar il-bijoekonomija⁽⁵⁾ u l-pjan ta' azzjoni dwar il-fertilizzanti⁽⁶⁾.

It-tranżizzjoni lejn **sistema tal-proteina reżiljenti u sostenibbli** tirrikjedi **koordinazzjoni mtejbja tal-politika** li għandha l-għan li:

- iżżid l-awtonomija strateġika miftuħa billi tespandi l-**provvista sostenibbli tal-proteini tal-UE** permezz ta' inċentivi għall-**bdiewa** biex jadottaw sistemi ta' produzzjoni diversifikati bi ħtiġijiet aktar baxxi ta' fertilizzanti, li jippermettu lill-bdiewa jikkultivaw għelejjel li fihom il-proteini tajbin għas-saħħa u reżiljenti;

(1) Il-Kummissjoni Ewropea, *Rapport ta' Prospettiva Strateġika Reżiljenza 2.0: nagħtu s-setgħa lill-UE biex tirnexxi fost it-turbolenza u l-inċertezza*, COM(2025) 484 final.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea, *Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri*, COM(2025) 75 final.

(3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, *Il-Kunsill Agrikoltura u Sajd fuq il-Proteini: provvista, produzzjoni u sostenibbiltà, l-14 ta' Lulju 2025; Il-Kunsill Ewropew, Id-dikjarazzjoni ta' Versailles, l-10 u l-11 ta' Marzu 2022*.

(4) Il-Parlament Ewropew, *Riżoluzzjoni tad-19 ta' Ottubru 2023 dwar Strateġija Ewropea dwar il-proteini (2023/2015(INI))*

(5) Il-Kummissjoni Ewropea, *Qafas Strateġiku għal Bijoekonomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE*, COM(2025) 960 final.

(6) Il-Kummissjoni Ewropea, *Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti: Sħubija biex jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-awtonomija strateġika fir-rigward tal-fertilizzanti prodotti lokalment fl-UE*, COM(2026) 310 final.

- ittejjeb **ir-reżiljenza, il-kompetittività u l-preparatezza** tas-sistema usa' tal-proteini tal-UE, inkluża l-industrija tal-għalf, billi tmexxi 'l quddiem **ir-riċerka u l-innovazzjoni u żżid l-investimenti**;
- issaħħaħ il-ktajjen tal-valur tal-proteini tal-UE billi tittejjeb l-**attraenza tas-suq u tinċentiva d-domanda** u tippromwovi soluzzjonijiet lokali u ktajjen tal-provvista qosra.

Din il-koordinazzjoni tal-politika se twassal biex jintlaħqu l-**objettivi taċ-ċirkolarità, tal-klima u tal-enerġija** tal-UE, li joħolqu stimolu addizzjonali u argumenti għall-vijabbiltà għall-bdiewa biex jinvolvu ruħhom fid-diversifikazzjoni tal-proteini.

Dan il-pjan jistabbilixxi l-fatti ewlenin, jidentifika punti ta' ingranaġġ u jissuġġerixxi azzjonijiet fil-katina tal-provvista kollha biex jintlaħaq dan l-għan. Dan jikkomplementa l-**istrateġija għall-bhejjem** adottata fis-7 ta' Lulju 2026. Filwaqt li s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura huma sors u utent importanti tal-proteini fis-sistema tal-ikel u tal-għalf tal-UE, dawn ma humiex koperti minn dan il-pjan.

1. Provvista ta' proteina tal-pjanti fl-UE

Fl-UE nsibu waħda mill-aktar sistemi ta' produzzjoni agrikola kompetittivi u sostenibbli fid-dinja. Madankollu, din is-saħħa hija ristretta mid-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet ta' għalf b'kontenut għoli ta' proteini. L-appoġġ skont il-politika agrikola komuni (PAK) żied il-provvista domestika tal-proteina tal-pjanti, għall-użu kemm tal-għalf kif ukoll tal-ikel, iżda hemm il-potenzjal ta' aktar tisħiħ, minkejja xi limitazzjonijiet naturali u strutturali.

Produzzjoni tal-UE bbażata l-aktar fuq għalf oħxon u ċereali b'seħem limitat ta' għelejjel li fihom il-proteini

L-UE tipproduċi ammont sinifikanti ta' proteina tal-pjanti, iżda l-iżjed fil-forma ta' għalf oħxon u ċereali, jiġifieri fil-forma ta' **prodotti b'kontenut ta' proteina baxx sa medju**. Fis-sena tal-kummerċjalizzazzjoni 2025–2026, l-UE pproduċiet madwar **67 miljun tonnallata ta' proteina tal-pjanti⁽⁷⁾**, b'madwar 31 miljun tonnallata proteina fl-**għalf oħxon** u madwar 29 miljun tonnallata **ċereali⁽⁸⁾** (l-Illustrazzjoni 1)⁽⁹⁾. L-art bil-ħaxix hija responsabbli għal aktar minn nofs l-għalf oħxon. Il-produzzjoni tal-UE ta' **pjanti b'kontenut għoli ta' proteini⁽¹⁰⁾** kienet ta' 7,2 miljun tonnallata ta' proteini fl-2025–2026, wara żieda sinifikanti fl-20 sena li għaddew. Il-produzzjoni tal-proteini minn **ħxejjex leguminużi mnixxa** laqgħet 1,3 miljun tonnallata fl-2025–2026⁽¹¹⁾. Għalkemm dan huwa seħem żgħir mit-total, il-produzzjoni tagħhom żdiedet b'53 % għall-perjodu 2021–2026 meta mqabbla mal-perjodu 2011–2016.

⁽⁷⁾ L-istimi tal-Kummissjoni bbażati fuq il-karti tal-bilanċ taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnija tal-UE u l-karta tal-bilanċ tal-għalf tal-UE.

⁽⁸⁾ L-għalf oħxon huwa ħaxix, silaġġ tal-qamħirrum, legumi tal-foraġġ u għalf immixxef.

⁽⁹⁾ L-istatistika f'dan id-dokument hija spjegata f'aktar dettall fl-iskedi informativi disponibbli hawnhekk: [*Reducing the plant protein deficit of the EU - Agriculture and rural development*](#).

⁽¹⁰⁾ Il-pjanti b'kontenut għoli ta' proteini huma definiti bħala prodotti ta' raba' li jinħadem b'kontenut ta' proteini ta' aktar minn 15 %, jiġifieri żrieragħ żejtnin u għelejjel li fihom il-proteini.

⁽¹¹⁾ Il-ħxejjex leguminużi mnixxa huma l-piżelli tal-għelieqi, il-ful, il-lupini u għelejjel oħra li fihom il-proteini.

		<i>Proteina tal-pjanti (miljuni ta' tunnelli)</i>		<i>Sehem</i>	
Għalf oħxon		30,6		45,5 %	
Ċereali		29,4		43,7 %	
Żrieragħ żejtnin (minbarra l-fażola tas-sojja)		5,0		7,5 %	
Għelejjel li fihom il-proteini	Ħxejjex leguminużi mnixxa	2,2	1,3	3,3 %	1,9 %
	Fażola tas-sojja		0,9		1,4 %
Total		67,2		100 %	

Illustrazzjoni 1: Produzzjoni tal-proteina tal-pjanti tal-UE fis-sena tal-kummerċjalizzazzjoni 2025–2026

Sors: DG AGRI – Karti tal-Bilanċ


Ta' min jinnota li bidla lejn aktar għelejjel li fihom il-proteina b'kontenut ogħla ta' proteina minn prodotti oħra ta' raba' li jinħadem ikollha biss impatt limitat fuq il-bilanċ ġenerali tal-proteina tal-pjanti mhux raffinata, minħabba r-rendimenti komparattivament aktar baxxi tagħhom. Madankollu, iż-żieda fis-sehem tal-għelejjel li fihom il-proteini fin-newba tista' tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) billi tnaqqas il-ħtieġa tal-fertilizzanti, li l-produzzjoni u l-użu tagħhom jarmu gassijiet serra.

Iż-żieda fil-produzzjoni tal-UE ta' pjanti b'kontenut għoli ta' proteini hija prinċipalment attribwita għall-appoġġ ipprovdut permezz tal-PAK u għall-programmi ta' **riċerka u innovazzjoni** agrikoli tal-UE skont il-gwida tar-rapport tal-Kummissjoni tal-2018⁽¹²⁾. Kif huwa enfasizzat fil-pjan ta' azzjoni dwar il-fertilizzanti, il-**proprjetà tal-assimilazzjoni tan-nitroġenu** tal-għelejjel li fihom il-proteini⁽¹³⁾ tgħin biex titnaqqas il-ħtieġa tal-fertilizzanti, li huwa fattur ewlieni li jappoġġa ż-żieda fil-produzzjoni, b'mod partikolari f'kuntest ta' żieda fil-kostijiet u fit-tensjonijiet fil-ktajjen tal-provvista tal-għelejjel.

⁽¹²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, [*Rapport dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea \(COM\(2018\) 757 final*](#).

⁽¹³⁾ F'dan ir-rapport, l-għelejjel li fihom il-proteini jirreferu għal-legumi (inkluża l-fażola tas-sojja). Ta' min jinnota li l-fażola tas-sojja ġieli titqies bħala żerriegħa żejtnija, iżda mhux f'dan ir-rapport.

Ewlenija fost l-importazzjonijiet tal-UE hemm is-sojja mill-kontinent Amerikan b'potenzjal għas-sojja mill-Ukrajna



Illustrazzjoni 2: Oriġini tal-proteina tas-sojja importata għas-sena tal-kummerċjalizzazzjoni 2024–2025 (f'miljuni ta' tonnelli ta' proteina mhux raffinata)

Sors: DG AGRI – 2024/25

L-UE timporta pjanti b'kontenut għoli ta' proteini prinċipalment fil-forma ta' fażola tas-sojja u ta' għalf tas-sojja. Dawn kienu jirrappreżentaw madwar 13,4 miljun tonnelli tal-importazzjonijiet totali tal-proteini fl-2024–2025, prodotti fuq madwar **13-il miljun ettaru f'pajjiżi mhux tal-UE**, primarjament l-Istati Uniti u l-Brażil, kif ukoll l-Arġentina għall-għalf tas-sojja.

Il-viceinat tal-UE joffri opportunitajiet tanġibbli biex tiġi ddiversifikata d-dipendenza tradizzjonali tal-UE fuq l-esportaturi ewlenin tal-fażola tas-sojja. L-Ukrajna tipproduċi 13,5 miljun tonnelli ta' proteina tal-pjanti, li 60 % minnhom jiġu esportati. Dan ifisser li l-Ukrajna jista' jkollha rwol akbar fil-provvista tal-importazzjonijiet tal-proteina tal-pjanti tal-UE. F'xenarju ta' adeżjoni prospettiva, dan jista' jnaqqas id-defiċit kummerċjali tal-UE minn 13,9 miljun tonnelli għal 4,7 miljun tonnelli u jżid l-awtosuffiċjenza tal-UE fil-proteina tal-pjanti minn 76 % għal 86 %. Barra minn hekk, l-Ukrajna saħħet ir-rwol tagħha bħala sieħeb strateġiku tal-UE billi rduppat il-kapaċità tal-produzzjoni tal-fażola tas-sojja tagħha fl-2024–2025 meta mqabbla mal-2021–2022, minkejja t-tfixkil ikkawżat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Il-potenzjal għall-importazzjonijiet mill-Balkani tal-Punent huwa iżgħar minħabba li xi produttori tradizzjonali f'dawk il-pajjiżi qalbu minn esportaturi tal-fażola tas-sojja għad-dipendenza fuq l-importazzjoni, b'konsegwenza taż-żieda fil-konsum domestiku u rendimenti aktar baxxi.

2. Domanda għall-proteini fl-UE


Id-domanda għall-proteini fl-Ewropa tiġi l-aktar mill-ħtiġijiet tas-settur tal-bhejjem għall-għalf, il-preferenzi tal-konsumaturi fir-rigward tal-ikel u l-użi marbuta mal-ħtiġijiet emerġenti fir-rigward taċ-ċirkolarità u l-bijoenerġija.

Għalf tal-annimali

Il-bhejjem jirrappreżentaw, flimkien mal-prodotti tar-raba' li jinħadem prodotti għall-għalf, aktar minn nofs l-output agrikolu totali (59 % fl-2024⁽¹⁴⁾). Fl-2025, il-valur tal-esportazzjonijiet laħaq EUR 55 biljun, li ħoloq bilanċ kummerċjali pożittiv ta' EUR 39 biljun. Is-settur tal-bhejjem huwa wkoll l-**akbar utent tal-proteina tal-pjanti tal-UE**.

Is-settur tal-bhejjem tal-UE juża **74 miljun tonn** ta' proteini bħala għalf kull sena⁽¹⁵⁾. Madwar 26 % jiġu importati iżda minħabba li l-UE tesporta wkoll l-ekwivalenti ta' 9 % tal-proteini fi prodotti ta' raba' li jinħadem jew koprodotti, **id-dipendenza netta fuq l-importazzjoni tal-proteini** hija ta' 15 % tal-użu totali tal-għalf tagħha (jew madwar 13-il miljun tonn ta' proteini).

Din iċ-ċifra aggregata taħbi d-differenzi skont it-tip ta' għalf (Illustrazzjoni 33). Fil-fatt, l-UE hija fil-biċċa l-kbira awtosuffiċjenti fl-għalf b'kontenut baxx ta' proteini iżda fil-biċċa l-kbira dipendenti fuq l-importazzjonijiet għall-għalf b'livell għoli ta' proteini (**żrieragħ żejtnin u għelejjel li fihom il-proteini**): **74 %** ta' dawk li jintużaw fl-UE huma importati. Din iċ-ċifra hija prinċipalment minħabba l-proteina tas-sojja, li 94 % minnha tiġi importata.




Illustrazzjoni 3: Orìgini tal-proteina użata għat-tagħlif tal-bhejjem tal-UE u esportazzjonijiet ta' dawk il-prodotti (f'miljuni ta' tonn ta' proteina mhux raffinata)

Sors: DG AGRI - Karta tal-Bilanċ tal-Proteini tal-Għalf tal-UE –2024/25

⁽¹⁴⁾ Dan jikkorrispondi għall-introjt primarju ġġenerat kemm mill-output li ġej mill-produzzjoni tal-annimali (45 %) kif ukoll mill-produzzjoni tal-prodotti tar-raba' li jinħadem użati bħala għalf (14 %).

⁽¹⁵⁾ Is-sorsi ewlenin tal-proteini tal-għalf huma għalf oħxon (41 %), ċereali (21 %), għalf tal-fażola tas-sojja (19 %) u ikliet pasti taż-żrieragħ żejtnin oħra (9 %), 1-10 % li jifdal huma minn diversi sorsi oħra.

L-għalf ibbażat fuq il-pjanti b'kontenut għoli ta' proteini ⁽¹⁶⁾) jirrappreżenta sehem sinifikanti mill-użu totali tal-għalf, li jammonta għal 31 % tal-użu totali tal-għalf tal-UE tal-proteini (jew 23,0 miljun tunnellata ta' proteini)⁽¹⁷⁾. Dan għandu rwol kruċjali f'diversi sistemi tal-bhejjem, filwaqt li jottimizza l-produttività tal-bhejjem. Is-sostituzzjoni tiegħu b'alternattivi li fihom inqas proteini li huma aktar faċilment disponibbli fl-UE tkun sfida kbira, b'mod partikolari f'termini tal-erja meħtieġa għall-kultivazzjoni fl-UE. Barra minn hekk, dan ikun jirrikjedi valutazzjoni bir-reqqa tal-kapaċità li l-materjali tal-għalf jiġu ssostitwiti filwaqt li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet nutrizzjonali tal-annimali u jkun jiddependi fuq it-tip ta' bhejjem (Illustrazzjoni 4). Is-setturi **tal-majjal u tal-pollam** huma l-utenti ewlenin tal-għalf b'kontenut għoli ta' proteini (huma responsabbli għal 66 % tal-użu ta' għalf kompost⁽¹⁸⁾ fl-UE), filwaqt li s-setturi **tal-ħalib u taċ-ċanga** huma responsabbli għal sehem aktar baxx (28 %).



Illustrazzjoni 4: L-użu tal-proteini tal-għalf skont it-tip ta' bhejjem tal-UE u l-produttività tal-proteini li jittiekl u li tirriżulta skont it-tip ta' bhejjem tal-UE fl-2022 (eluf ta' tunnellati ta' proteina mhux raffinata)

Sors: Bażi tad-data tal-mudell CAPRI

Id-dipendenza fuq l-għalf tal-proteini importat tiddependi ħafna fuq it-tip ta' bhejjem u s-sistema tal-produttività. Is-sistemi aktar intensivi jiddependu fuq l-għalf kompost għal proporzjon kbir tal-proteini tagħhom, li jammontaw għal 25,8 miljun tunnellata ta' proteini tal-għalf kull sena. Il-prodotti tal-għalf kompost jirrappreżentaw 35 % tal-użu totali tal-proteini mill-bhejjem tal-UE. Sistemi aktar estensivi ta' ruminanti, li jiddependu fuq l-artijiet bil-ħaxix u għalf u foraġġ prodotti lokalment, huma inqas dipendenti fuq l-importazzjoni mis-sistemi intensivi. Ċerti sistemi ta' produttività, bħal dawk agroekoloġiċi, organiċi, mitmugħa l-ħaxix u ta' għelejjel imħallta, kif ukoll ċerti indikazzjonijiet

⁽¹⁶⁾ L-għalf b'kontenut għoli ta' proteini għandu kontenut ta' proteini oġġla minn 30 %, bħall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' pasti taż-żrieragħ żejtnin.

⁽¹⁷⁾ B'kuntrast, 94 % tal-għalf b'kontenut baxx u medju ta' proteini użat fl-UE joriġina mill-UE, u l-UE hija esportatur nett ċar ta' dan it-tip ta' prodotti.

⁽¹⁸⁾ L-għalf kompost huwa għalf tal-annimali magħmul billi jitħalltu tal-anqas żewġ materjali tal-għalf, bl-addittivi jew mingħajrhom.

ġeografiċi, jew dawk skont standards privati, jippromwovu b'mod attiv l-użu tal-għalf lokali, inaqqsu d-dipendenza fuq l-għalf importat u jankraw il-produzzjoni mat-territorju.

Fil-livell tal-UE, is-sehem tal-**għalf prodott fil-farm bħala medja huwa limitat**: madwar 21 % tal-għalf totali fl-2023. Huwa l-ogħla fil-farms tal-bhejjem ruminanti li jikkultivaw ukoll l-ghalejjel (42 % fl-2023) u l-inqas f'farms speċjalizzati tal-pollam jew tal-majjali (7 %).

Sistemi ta' tagħlif differenti bi gradi varji ta' dipendenza

Is-settur tal-bhejjem tal-UE huwa kkaratterizzat minn **varjetà ta' strateġiji ta' tagħlif**. Il-produzzjoni intensiva tal-bhejjem tagħmilha possibbli li jiġi ottimizzat it-tagħlif permezz ta' tagħlif ta' preċiżjoni, biż-żieda ta' aċidi amminiċi sintetiċi biex jikkomplementaw l-għalf b'kontenut baxx ta' proteini, l-enzimi, jew l-addittivi tal-għalf li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan. Madankollu, l-addittivi tal-għalf (bħall-vitami u l-aċidi amminiċi) jiġu importati f'ammonti kbar mill-UE, b'mod partikolari miċ-Ċina, li għandha pożizzjoni dominanti ħafna fis-suq globali għal dawn is-sustanzi, u saħansitra kważi monopolju għal xi wħud minnhom. Għalhekk, is-setturi tal-għalf, tal-bhejjem u tal-akkwakultura tal-UE għandhom opportunitajiet limitati ħafna biex jiddiversifikaw il-provvista tagħhom, kif se jeżamina aktar 'il quddiem dan id-dokument. Min-naħa l-oħra, is-sistemi estensivi tal-bhejjem, b'mod partikolari r-ruminanti li jieklu l-ħaxix u l-produzzjoni organika, jiddependu ferm inqas fuq l-għalf importat, filwaqt li jwasslu benefiċċji ambjentali.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li l-UE hija wieħed mill-**aktar produttori globali effiċjenti tal-proteini tal-annimali f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra** għal kull unità ta' output⁽¹⁹⁾). It-tnaqqis tal-produzzjoni tal-annimali tal-UE f'iżolament fil-biċċa l-kbira jispiċċa jwassal għal sostituzzjoni tal-konsum tal-prodotti tal-annimali tal-UE b'importazzjonijiet aktar intensivi fil-karbonju, u jżid l-impronta tal-gassijiet serra tal-konsum tal-prodotti tal-annimali tal-UE u b'hekk jikkawża tfixkil bla bżonn għall-katina tal-valur tal-prodotti tal-annimali tal-UE.

Iċ-ċirkolarità bħala prinċipju gwida

B'mod ġenerali, il-proteini tal-pjanti minn varjetà ta' sorsi li jittieklu u li ma jittiklux għandhom rwol sinifikanti x'jaqdu fil-bijoekonomija ċirkolari, inkluż meta jiġu ttrasformati mill-bhejjem f'ikel u demel. Filwaqt li diversi għalejjel użati għall-għalf jiġu pproċessati wkoll għal użi mhux għall-għalf fl-industrija, għall-produzzjoni tal-enerġija, jew bħala ikel, xorta waħda jistgħu jiġġeneraw prodotti sekondarji b'kontenut għoli ta' proteini għall-għalf jew għall-ikel. Pereżempju, iż-żejt minn żrieragħ żejtnin jew il-lamti miċ-ċereali jistgħu jiġu sseparati għall-użu mill-bniedem, industrijali jew għall-enerġija, filwaqt li l-koprodotti li jifdal, b'kontenut għoli ta' proteina, jistgħu jintużaw għall-għalf jew għall-ikel tal-annimali. **Dawn il-koprodotti minn għalejjel ipproċessati jikkostitwixxu sors ewlieni ta' proteini għall-bhejjem tal-UE.** Jammontaw għal madwar 34 % tal-konsum totali tal-proteini tal-bhejjem, filwaqt li jenfasizzaw l-interkonnessjoni qawwija bejn il-ktajjen tal-valur tal-ikel, tal-għalf, tal-enerġija u tal-industrija.

Il-**politiki dwar il-bijoenerġija** għandhom effett dirett fuq id-disponibbiltà tal-proteini għall-għalf bħala koprodott u fuq il-profittabbiltà tal-għalejjel b'kontenut għoli ta' proteini tal-UE. Il-koprodotti mill-produzzjoni tal-enerġija tal-UE⁽²⁰⁾ jammontaw għal 47,2 % tal-pasti taż-żrieragħ żejtnin kollha u jirrappreżentaw 6,3 % tal-għalf totali użat fl-UE. Il-koprodotti mill-industrija tal-ikel u x-xorb jammontaw għal 6 % tal-konsum tal-proteini mill-bhejjem tal-UE, għalkemm l-eks oġġetti tal-ikel jammontaw għal 0,7 % biss, minħabba restrizzjonijiet tekniċi u regolatorji relatati mas-sikurezza tal-

⁽¹⁹⁾ Il-Mudell Globali tal-FAO għall-Valutazzjoni Ambjentali tal-Bhejjem (GLEAM) foodandagricultureorganization.shinyapps.io/GLEAMV3_Public/.

⁽²⁰⁾ Jiġifieri l-pasti taż-żrieragħ żejtnin miksuba mill-fażola tas-sojja, mil-lift u miż-żerriegħa tal-ġirasol mitħuna fl-UE għall-produzzjoni ta' żjut użati għal skopijiet ta' enerġija.

għalf. L-użu sikur tal-koprodotti tal-proteini mill-ipproċessar tal-ikel għall-għalf jista' jiġi estiż peress li jgħin biex titnaqqas il-ħela tal-ikel.

Effiċjenzi ta' proteini diversi skont it-tip ta' bhejjem

L-effiċjenza tal-proteini tal-produzzjoni tal-bhejjem tista' tiġi vvalutata permezz tar-rata ta' konverżjoni tal-proteini tal-għalf fi proteini tal-annimali. Is-settur tal-bajd tal-pollam għandu l-ogħla effiċjenza fil-konverżjoni tal-proteini, bi 3,6 kg ta' proteina tal-għalf meħtieġa għall-produzzjoni ta' 1 kg ta' proteina tal-annimali, segwit mis-settur tal-majjali b'5,5 kg ta' proteina tal-għalf biex jipproduċi 1 kg proteina tal-annimali u s-settur tal-baqar tal-ħalib b'5,8 kg ta' proteina tal-għalf għal kull 1 kg proteina tal-annimali. Is-settur tal-bhejjem tal-ifrat għal-laħam juża 15,9 kg ta' proteina tal-għalf biex jipproduċi 1 kg ta' proteina tal-annimali. Il-konsum relattiv dejjem jikber tal-laħam tal-pollam f'kuntest ta' tnaqqis tal-laħam l-ieħor jista' jikkontribwixxi, sa ċertu punt, għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-għalf importat billi jtejjeb l-effiċjenza ġenerali tal-użu tal-proteini tal-għalf.

lkel

Fl-UE, 64 % tal-proteina kkonsumata mill-bnedmin hija bbażata fuq l-annimali (l-Illustrazzjoni 4). Dan is-sehem jiżdied għal 67 % fl-Istati Uniti, filwaqt li fiċ-Ċina, il-proteina tal-pjanti tammontaw għal 59 % tal-konsum tal-proteina mill-bnedmin. Ix-xejriet tal-konsum matul l-aħħar 10 snin jindikaw sehem akbar ta' proteina tal-annimali fid-dieti tal-Ewropej, għad-detriment tal-proteina tal-pjanti⁽²¹⁾.

⁽²¹⁾ Mill-2010 sal-2023, il-konsum medju għal kull persuna tal-proteina tal-annimali fl-UE żdied b'6 %, filwaqt li l-konsum medju tal-proteina tal-pjanti naqas b'4 % (*FAO - Food Balances*).

% tal-konsum ta' proteina, il-legumi u l-ħxejjex leguminużi jitqiesu bħala komponent importanti ta' dieta varjata u sostenibbli, u diversi Stati Membri jirrakkomandaw żieda fil-konsum tal-legumi⁽²²⁾).

Bħal fil-każ ta' ħafna ikel, dieta diversa tipprowdi kontribut importanti għal dieti tajbin għas-saħħa. Id-dieti diversifikati li jinkludu l-laħam mill-bhejjem imrobbija fuq riżorsi tal-ġħalf adattati lokalment, flimkien mal-konsum ta' proteini tal-pjanti mill-frott, mill-ħxejjex u mill-ħxejjex leguminużi, jista' jkollhom rwol importanti fit-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel aktar reżiljenti u sostenibbli filwaqt li jappoġġaw ktajjen tal-valur vijabbli fl-UE. Minbarra li jipprovdu nutrizzjoni adegwata u jippermettu eżiti pożittivi tas-saħħa, id-dieti li għandhom sehem għoli ta' ikel ibbażat fuq il-pjanti jgħinu biex jiġu appoġġati l-oġettivi ambjentali u klimatiċi.

3. Sorsi ta' proteina tal-pjanti u alternattivi

Hemm innovazzjoni kbira fil-qasam tal-proteina. L-UE għandha interess li tkun mexxejja globali u li tkun fuq quddiem nett tal-innovazzjoni li tappoġġa sistemi tal-ikel kompetittivi, sostenibbli u reżiljenti. Fl-istess waqt, il-produzzjoni tal-proteina trid tikkonforma mar-regolamenti tal-UE għall-protezzjoni tas-saħħa, tal-klima u tal-ambjent. L-innovazzjoni trid tkun responsabbli u tirrikjedi valutazzjoni xierqa fir-rigward tas-sostenibbiltà tagħha, kif ukoll kunsiderazzjonijiet soċjali, nutrizzjonali u soċjetali. L-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar ix-xjenzi tal-ħajja tirrikonoxxi li s-setturi Ewropej tal-agrikoltura u tal-ikel huma ċentru għall-innovazzjoni, bi prodotti ġodda u ktajjen ta' valur li jgħaqqdu s-sikurezza, is-sostenibbiltà u r-responsabbiltà soċjali⁽²³⁾.

Bħalissa, hemm varjetà ta' **sorsi ta' proteina tal-pjanti u alternattivi u innovazzjonijiet fis-suq** għall-użu kemm għall-ikel kif ukoll għall-ġħalf. Uħud minn dawn il-prodotti huma stabbiliti u aċċettati sew fl-Ewropa, bħall-ikel u x-xorb bi proteina tal-pjanti, jew prodotti bi proteina miksuba mill-fermentazzjoni jew mill-alka. L-alka tintuża wkoll bħala ġħalf u għandha potenzjal promettenti fis-suq. Xi sorsi alternattivi ta' proteina, bħall-insetti, bħalissa huma aċċettati prinċipalment bħala ġħalf, għalkemm huma disponibbli fis-suq tal-ikel.

Alternattivi oħra għall-ġħalf bħall-prodotti bbażati fuq **il-preċiżjoni u l-fermentazzjoni tal-bijomassa** jew il-proteini estratti mill-għelejjel jistgħu jkunu soġġetti għal regoli speċifiċi għall-introduzzjoni fis-suq. Bosta minn dawn l-alternattivi għandhom il-potenzjal li joħolqu mudelli kummerċjali ċirkolari ġodda għall-bdiewa u għall-industrija tal-ġħalf. It-teknoloġiji bbażati fuq il-fermentazzjoni huma perkors komplementari fi ħdan l-isfond usa' tal-proteina, b'implikazzjonijiet potenzjali fil-ktajjen tal-valur agrikoli. Dawn jistgħu joħolqu opportunitajiet ġodda għal ċerti materji primi, flussi sekondarji agrikoli u inputs relatati mal-ġħalf, filwaqt li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' proteina. L-impatt tagħhom fuq il-produzzjoni agrikola konvenzjonali huwa mistenni li jibqa' limitat fuq terminu ta' żmien medju, għalkemm jistgħu jfeġġu effetti aktar sinifikanti maż-żmien. Il-punt sa fejn jibbenefikaw il-bdiewa u ż-żoni rurali se jiddependi fuq kif jiġu organizzati l-ktajjen tal-valur, peress li t-teknoloġiji bbażati fuq il-fermentazzjoni huma mistennija li jeżistu flimkien mas-sistemi u l-prattiki agrikoli eżistenti. Il-Kummissjoni qed tiffinalizza studju li jħares lejn għadd ta' dawn il-mistoqsijiet⁽²⁴⁾. Is-sorsi ġodda ta' proteini għall-ġħalf imsemmija aktar 'il fuq jippreżentaw qasam għall-innovazzjoni u jikkontribwixxu għal dan is-suq li qed jiżviluppa globalment.

⁽²²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, *Legumes and Pulses - Knowledge for policy*, it-18 ta' Diċembru 2025; il-Kummissjoni Ewropea, *Food-Based Dietary Guidelines recommendations for legumes - Knowledge for policy*, is-7 ta' Novembru 2025.

⁽²³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, *Agħżel l-Ewropa għax-xjenzi tal-ħajja: Strateġija biex l-UE tiġi ppożizzjonata bħala l-iktar post attraenti fid-dinja għax-xjenzi tal-ħajja sal-2030*, COM(2025) 525 final.

⁽²⁴⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, *Studju dwar il-fermentazzjoni tal-bijomassa u ta' preċiżjoni*, li għandu jiġi ffinalizzat matul it-tieni semestru tal-2026.

Proċessi ta' fermentazzjoni innovattivi qegħdin jiżviuppaw u jiskalaw f'ġuriżdizzjonijiet oħrajn, u dawn qegħdin jgħolqu benefiċċji ekonomiċi u sorsi ta' introjtu għodda għall-bdiewa barra mill-UE. Il-bdiewa tal-UE jistgħu jiksibu benefiċċji simili fil-forma ta' domanda diretta għall-materja prima agrikola u t-titjib ta' materja sekondarja agrikola. L-Att dwar il-Bijoteknoloġija II futur se jkollu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività industrijali tal-UE fil-bijoteknoloġija industrijali u fil-bijomanifattura, inkluż abbażi ta' fermentazzjoni avvanzata.

Fir-rigward tal-ikel, **l-ikel u x-xorb bi proteina tal-pjanti huma mistennija li jkollhom l-akbar potenzjal tas-suq** minħabba l-qafas regolatorju stabbli u l-aċċettazzjoni tal-konsumatur meta mqabbla ma' proteini alternattivi oħra. Dawn il-prodotti alternattivi tal-pjanti spiss ikollhom l-għan li jirreplikaw it-togħma, is-sawra u l-profil nutrittiv tal-prodotti tradizzjonali tal-annimali⁽²⁵⁾, għalkemm xi wħud għaddew minn grad ogħla ta' pproċessar. Iż-żewġ tipi ta' prodotti jeżistu flimkien fis-suq Ewropew u hemm regoli speċifiċi fir-Regolament dwar l-OKS⁽²⁶⁾ dwar l-użu tat-termini tal-ħalib u, fil-futur, tat-termini relatati mal-laħam⁽²⁷⁾ li japplikaw jew se japplikaw biex tittejjeb it-trasparenza u biex il-konsumaturi jkun jistgħu jagħmlu għażliet infurmati sew.

Kemm il-prodotti tal-proteina tal-pjanti kif ukoll il-prodotti tal-proteina alternattivi jiffaċċjaw **diversi sfidi komuni li se jkollhom jingħelbu qabel ma jkun jistgħu jiġu adottati u integrati b'mod aktar wiesa' fid-dieti tal-UE**. Filwaqt li hemm fis-seħħ il-qafas regolatorju tal-UE dwar ikel ġdid⁽²⁸⁾, il-fehim u l-aċċettazzjoni tal-pubbliku huma partikolarment kritiċi f'oqsma bħat-teknoloġija tal-ikel, fejn l-innovazzjoni tista' toqot b'mod trażversali s-saħħa, il-kultura, l-etika, it-tradizzjoni u kunsiderazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u ta' sostenibbiltà, li jeħtieġ djalogu mtejjeb u inkluż dwar dan is-suġġett u għarfien aħjar. Barra minn hekk, l-affordabbiltà, it-togħma, il-konvenjenza, l-aspetti nutrittivi u t-tikkettar ta' dawn il-prodotti jistgħu jkun restrizzjonijiet addizzjonali. Huwa importanti li s-sostenibbiltà u s-sikurezza tal-prodotti tal-proteina alternattivi jiġu vvalutati bir-reqqa, kif inhu l-każ għall-prodotti tal-ikel konvenzjonali. Pereżempju, il-proċessi tal-produzzjoni għal diversi tipi ta' proteini alternattivi huma intensivi fl-enerġija, f'xi każijiet jirrikjedu inputs ogħla tal-enerġija mill-proteini konvenzjonali li potenzjalment jistgħu jissostitwixxu⁽²⁹⁾). Finalment, id-diversifikazzjoni tal-proteina għandha tiġi segwita filwaqt li jiġi mħarsa l-kompetittività u l-vijabbiltà fit-tul tas-settur Ewropew tal-bhejjem.

Minn perspettiva **ekonomika u soċjali**, iż-żieda fil-bejgħ ta' prodotti tal-proteina tal-pjanti toħloq opportunitajiet għall-bdiewa u għall-komunitajiet rurali. **Il-produzzjoni bi skop differenti u firxa ta' flussi sekondarji agrikoli u koprodotti** għall-użu fl-ikel ibbażat fuq il-pjanti u l-produzzjoni alternattiva ta' proteina għall-għalf jistgħu jgħolqu sors ta' dħul ġdid għall-bdiewa. Id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-proteina toħloq opportunitajiet għal ktajjen tal-valur għodda kemm għall-għalf kif ukoll għall-ikel.

⁽²⁵⁾ FAO, *The Plants That Feed the World: baseline data and metrics to inform strategies for the conservation and use of plant genetic resources for food and agriculture*, 2023.

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

⁽²⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel (COM(2024) 577 final). Iż-żieda ta' lista ta' termini li għandhom ikunu riżervati għall-prodotti tal-laħam biss bħalissa qed tiġi eżaminata mill-koleġiżlatur.

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001.

⁽²⁹⁾ Il-Parlament Ewropew: is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, *Alternative protein sources for food and feed Service*, April 2024.

4. Bini ta' sistema tal-proteina reżiljenti u sostenibbli fl-UE

Għad hemm ostakli sinifikanti biex tiżdied il-produzzjoni sostenibbli tal-proteina tal-pjanti, minkejja għadd ta' inizzjattivi ta' politika li ġew adottati sal-lum biex jiġi stimulat l-iżvilupp. Il-konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet ikkonċernati identifikat diversi restrizzjonijiet, inklużi: il-profittabbiltà aktar baxxa tal-għelejjel li fihom il-proteini, b'mod partikolari marbuta mad-disponibbiltà ta' għarfien, ħliet u inputs dedikati; katina tal-valur sottożviluppata; ħtiġijiet ta' infrastruttura bħall-ħżin u l-ipproċessar; diskrepanzi fl-investment u l-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib fost il-partijiet ikkonċernati biex jitnaqqas ir-riskju tad-deċiżjonijiet ta' tranżizzjoni.

Hija meħtieġa azzjoni f'livelli differenti ta' governanza u minn partijiet ikkonċernati differenti biex jitħaffef l-iżvilupp tal-katina. **Is-suċċess se jiddependi fuq il-kapaċità li jiġi pprovdut approċċ integrat u joħloq l-inċentivi t-tajbin biex jiġu żviluppati kemm il-provvista kif ukoll id-domanda għall-għelejjel li fihom il-proteini.**

Is-sistema tal-proteina tal-UE tal-futur hija mibnija fuq il-pilastri li ġejjin li min-naħa tagħhom se jagħmlu ċ-ċirkolarità u l-azzjoni klimatika argument għall-vijabbiltà tal-bdiewa:

- iż-żieda tal-awtonomija strateġika miftuħa billi tiġi estiża l-**provvista ta' proteina sostenibbli tal-UE**;
- it-titjib tar-**reżiljenza, il-kompetittività u l-preparatezza** tas-sistema tal-proteina usa' tal-UE;
- it-tiżiħ tal-ktajjen tal-valur tal-proteina tal-UE billi tittejjeb l-**attraenza tas-suq, tiġi inċentivata d-domanda** u jiġu promossi s-soluzzjonijiet lokali.

4.1. Tiżiħ tal-koordinazzjoni politika

Tranżizzjoni koerenti tiddependi fuq konsistenza aktar soda bejn il-PAK u l-kompetittività, ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, l-enerġija, il-koeżjoni, l-ambjent, il-politiki dwar il-klima, is-saħħa, l-akkwist pubbliku u l-kummerċ, filwaqt li jiġi żgurat ukoll li l-politiki pubbliċi u l-inizzjattivi privati jaħdmu flimkien tul il-katina agroalimentari kollha, mill-produzzjoni sal-konsum.

Diġà għaddejnin diversi azzjonijiet iżda jista' jkun hemm bżonn li dawn jiġu aċċellerati u integrati. B'mod partikolari, hekk kif l-UE żżid l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tagħha, l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex tippromwovi allinjament akbar tal-istandards tal-produzzjoni fost is-sħab kummerċjali. L-iżvilupp tas-settur tal-proteina għandu potenzjal kbir biex jilħaq l-oġettivi ambjentali u taċ-ċirkolarità tal-UE

Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss joħloq opportunitajiet biex jiġi stimulat is-settur tal-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini permezz ta' **ppjanar integrat**, tnaqqis tad-dipendenza fuq il-proteina importata u tiżiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. Dan jirrikjedi żvilupp tal-proġett tal-katina tal-valur li jista' jgħaqqad l-appoġġ għall-kultivazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini taħt il-PAK, integrazzjoni territorjali aħjar u l-iżvilupp tal-infrastruttura u tal-faċilitajiet tal-ipproċessar permezz tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (PSNR)⁽³⁰⁾ u fl-aħħar nett, biż-żieda fl-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz tal-programm qafas ta' riċerka Orizzont Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)⁽³¹⁾. Flimkien mal-**istrumenti tal-ġestjoni tar-riskju** li l-Kummissjoni qed tiżviluppa, inkluż f'kooperazzjoni mal-BEI, dan joħloq opportunitajiet bla preċedent għas-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini tal-UE.

Diversi Stati Membri diġà qed javvanzaw inizzjattivi biex jippromwovu sistema tal-proteina aktar sostenibbli u reżiljenti. Dawn l-isforzi jiffukaw fuq iż-żieda tal-produzzjoni u l-użu lokali tal-proteina,

⁽³⁰⁾ Il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali huma strument ta' ppjanar ġdid propost mill-Kummissjoni għall-QFP li jmiss.

⁽³¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, il-[European Competitiveness Fund - Factsheet](#), it-22 ta' Ġunju 2026.

id-diversifikazzjoni tad-dieti, l-iżvilupp ta' proteini alternattivi, u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur. Il-pjan ta' azzjoni Daniż għall-ikel ibbażat fuq il-pjanti⁽³²⁾ jipprovdi eżempju ta' kif l-Istati Membri jistgħu jiġbru flimkien għodod f'livelli differenti ta' governanza biex jappoġġaw il-katina tal-valur għall-ikel ibbażat fuq il-pjanti.

Bil-għan jnaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq il-proteina tal-pjanti importata, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jieħdu azzjoni, kif spjegat aktar fid-dettall fit-taqsimiet sussegwenti, imfassla għall-ħtiġijiet tagħhom:

- biex jippromwovu l-integrazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini fin-newba u fid-diversifikazzjoni tal-għelejjel tagħhom, abbażi tal-benefiċċji ambjentali u klimatiċi tagħhom;
- biex jipprovdu appoġġ għall-introjt akkoppjat għall-kultivazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini li jgħin lis-settur itejjeb il-kompetittività tiegħu;
- biex jiġu kkompensati r-riskji u l-kostijiet tal-produzzjoni ogħla għall-bdiewa li jaqilbu għall-għelejjel li fihom il-proteini;
- biex id-diversifikazzjoni tal-proteina tiġi integrata fl-istrateġiji ta' tiġdid ġenerazzjonali tagħhom u fil-miżuri tal-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġħ;
- biex jiġu appoġġati l-investiment, l-innovazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-ħżin u l-ġestjoni tar-riskju għall-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini;
- biex jiġu ffaċilitati azzjonijiet kollettivi, bħal miżuri ta' promozzjoni, introduzzjoni konġunta fis-suq, u użu akbar ta' kuntratti bejn il-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħrajn fil-katina tal-valur tal-għelejjel li fihom il-proteini;
- biex jissaħħu s-segmenti downstream tal-katina tal-valur tal-għelejjel li fihom il-proteini permezz ta' investimenti fl-infrastruttura u fil-kapaċità tal-ħżin u tal-ipproċessar;
- biex jgħinu lill-bdiewa f'diffikultà li jipproduċu għelejjel li fihom il-proteini, ħaxix u foraġġ erbaċew ieħor;
- biex isaħħu r-rwol tal-artijiet bil-ħaxix;
- biex iħeġġu lill-bdiewa li jrabbu l-bhejjem jaqilbu għall-estensifikazzjoni fejn ikun xieraq;
- biex jinċentivaw lill-bdiewa li jgħaqqdu l-produzzjoni tal-għelejjel u t-trobbija tal-bhejjem;
- biex jimmonitorjaw u jħeġġu l-użu ta' għalf lokali fil-livell tal-farms jew fil-livell lokali, biex iżidu s-suffiċjenza fil-livell tal-farms u biex inaqqsu d-dipendenza fuq l-għalf importat b'kontenut għoli ta' proteini;
- biex jiġu appoġġati dieti diversifikati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema;
- biex ifasslu politiki ta' tassazzjoni biex jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel reżiljenti;
- biex joħorġu gwida dwar karti tal-bilanċ armonizzati tal-proteina tal-għalf u tal-ikel.

Djalogi ddedikati dwar il-proteina mal-Istati Membri se jipprovdu forum għall-iskambju tal-aħjar prattiki u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan dwar il-proteina. Id-**djalogi annwali dwar l-ikel**, li jlaqqgħu flimkien lill-konsumaturi, lill-produtturi, lill-industrija, lill-bejjieġha bl-imnut, lill-awtoritajiet pubbliċi u lis-soċjetà ċivili, jipprovdu opportunità oħra għall-iskambji u għat-tfassil tal-aġenda.

⁽³²⁾ Il-Ministeru tal-Ikel, l-Agrikoltura u s-Sajd tad-Danimarka, [Danish Action Plan on Plant-Based Foods](#), Ottubru 2023.

4.2. Espansjoni tal-provvista ta' proteina sostenibbli tal-UE

Il-kapaċità tal-UE li żżid l-awtonomija strateġika tagħha tirrikjedi:

- inċentivi biex tiġi stimolata l-kultivazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini;
- sett ta' għodod ta' miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa;
- it-tiżni tal-ktajjen tal-valur u l-iżvilupp reġjonali;
- it-titjib tal-użu sostenibbli tal-art bil-ħaxix u tal-integrazzjoni tal-bhejjem;
- l-għoti tas-setgħa lill-bdiewa biex jaċċessaw inċentivi tal-karbonju u krediti tan-natura.

• Inċentivar tal-bdiewa biex jadottaw sistemi ta' produzzjoni diversifikati b'inqas ħtieġa ta' fertilizzanti

Huma meħtieġa inċentivi suffiċjenti, appoġġ għall-investiment u għodod għall-ġestjoni tar-riskju sabiex tinkiseb id-diversifikazzjoni tal-proteina. Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, iggwidati mir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq, li jfasslu l-pjanijiet u l-istrateġiji tagħhom għad-diversifikazzjoni tal-proteina u li jindirizzaw il-kompromessi inerenti, minħabba r-restrizzjonijiet strutturali fl-Ewropa. Dawn id-deċiżjonijiet ta' politika se jkollhom jikkunsidraw diversi aspetti, inklużi t-tipi ta' għelejjel, l-adekwatezza tagħhom għall-kundizzjonijiet agroklimatiċi f'pajjiż, il-kontenut tal-proteina tagħhom, l-użu "doppju" (ikel u għalf) u l-kapaċità li jiġu integrati fin-newba tal-għelejjel. Ċerti għelejjel, bħall-fażola tas-sojja, il-ħxejjex leguminużi u l-legumi, għandhom potenzjal tajjeb u opportunitajiet realiċi ta' espansjoni. Barra minn hekk, il-legumi f'newba (inkluż bħala għalla ta' kopertura) jappoġġaw il-prattiki tal-biedja sostenibbli, inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jsaħħu l-fertilità tal-ħamrija permezz tal-assimilazzjoni tan-nitroġenu, u b'hekk inaqqsu l-ħtieġa għall-fertilizzanti.

Lil hinn mir-rekwiżit tan-newba u tad-diversifikazzjoni tal-għelejjel skont l-intendenza l-ġdida tal-azjendi agrikoli, l-Istati Membri jistgħu jużaw firxa ta' għodod tal-PAK skont il-proposta tal-PAK għal wara l-2027⁽³³⁾. Dawn jinkludu l-appoġġ akkoppjat għall-introjt (CIS) u l-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi (AECAs) biex tittejjeb l-attraenza tal-għelejjel li fihom ħafna proteini fil-livell tal-farms. Is-CIS, li għalih ġie propost li jiżdedu r-rati finanzjarji massimi, jista' jappoġġa l-iżvilupp ta' għelejjel li fihom il-proteini, filwaqt li l-AECAs jistgħu jappoġġaw il-kultivazzjoni tal-legumi, l-użu tad-demel, u l-istabbiliment ta' għelejjel ta' kopertura, filwaqt li jippromwovu wkoll sistemi ta' biedja organika li jintegraw dawn il-prattiki.

Il-proposta tal-Kummissjoni tantiċipa karatteristika ġdida ewlenija b'potenzjal sinifikanti: il-**pagamenti ta' tranżizzjoni** proposti taħt il-PAK għal wara l-2027, li jistgħu jitqiesu bħala strumenti ta' tnaqqis tar-riskju. Dawn se jgħinu lill-bdiewa jkopru l-kostijiet tal-investiment u tal-adattament assoċjati mal-introduzzjoni ta' għelejjel li fihom il-proteini f'newba tal-għelejjel, inkluż għal makkinarju ġdid, aġġustamenti tat-tagħmir, kostijiet tal-apprendiment u żidiet temporanji fil-kostijiet tal-produzzjoni jew tax-xogħol, kif ukoll telf potenzjali marbut ma' profittabbiltà aktar baxxa meta mqabbla ma' għelejjel alternattivi.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi **punt ta' riferiment għall-UE kollha li se jippermetti li jiġi mmonitorjat it-titjib fl-awtonomija strateġika ġenerali tal-UE fir-rigward tal-proteina**. L-**osservatorju tas-suq għaċ-ċereali, għaż-żrieragħ żejtnin u għall-għelejjel li fihom il-proteini** se jsaħħaħ l-isforz tiegħu biex jiffaċilita l-monitoraġġ tas-suq u t-trasparenza fis-sistema tal-proteina.

⁽³³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni lill-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034, (COM(2025) 560 final); Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (COM(2025)553 final).*

L-Istati Membri se jiġu mħeġġa permezz ta' **rakkomandazzjonijiet tal-PAK** biex jinkludu miżuri fil-pjanijiet SNR tagħhom li jinċentivaw il-produzzjoni tal-legumi, kif ukoll tal-lift u tal-ġirasol, appoġġati minn pariri xierqa, u jimmonitorjaw il-progress miksub.

Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' bdiewa għandha rwol ewlieni x'taqdi fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni, bis-saħħa tal-ispirtu imprenditorjali tagħha, l-aċċess għall-innovazzjoni u perjodu ta' żmien għall-ippjanar itwal. Billi tappoġġa l-modernizzazzjoni, id-diversifikazzjoni u l-innovazzjoni tagħhom, l-istrateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura tallinja mal-iżvilupp tas-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini, u tikkontribwixxi għar-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-sistema agroalimentari. Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Istati Membri **jintegraw id-diversifikazzjoni tal-proteina fl-istrateġiji ta' tiġdid ġenerazzjonali tagħhom u fil-miżuri tal-pakkett tal-bidu għall-bdiewa żgħażaġh**, biex jipprovdu biżżejjed incenċivi u opportunitajiet ta' negozju lill-bdiewa żgħażaġh.

Il-varar ta' **strumenti ta' ġestjoni tar-riskju u ta' strumenti finanzjarji** se jkompli jgħin lill-bdiewa jadottaw l-għelejjel li fihom il-proteini fin-negozju agrikolu tagħhom, kif żviluppat fl-istrateġija dwar il-bhejjem.

- **Sett ta' għodod biex il-bdiewa jkunu jistgħu jikkultivaw għelejjel li fihom il-proteini li jkunu sostenibbli, tajbin għas-saħħa u reżiljenti**

Fil-Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni enfasizzat li l-bdiewa jeħtieġu s-sett ta' għodod it-tajeb biex ikunu jistgħu jipproduċu b'mod sostenibbli, b'mod partikolari minħabba l-pressjonijiet mit-tibdil fil-klima u l-mard tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti. Dan jgħodd saħansitra aktar għall-għelejjel li fihom il-proteini, biex jittejbu r-rendimenti, il-kwalità u jiġu prodotti varjetajiet adattati għall-klima. It-tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs) għandhom potenzjal sinifikanti biex jindirizzaw l-isfidi għall-kultivazzjoni u jgħibu fis-suq soluzzjonijiet aktar adattati għall-klima.

Għalhekk, il-programmi tat-tniissil għall-għelejjel li fihom il-proteini jenħtieġ li jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' varjetajiet li jikkombinaw rendimenti oġhla u aktar stabbli, it-titjib tat-tolleranza għall-istress relatat mal-klima (bħal nixfa u avvenimenti estremi tat-temp), ir-reżistenza akbar għall-pesti u l-mard, u kwalità nutrizzjonali aħjar, filwaqt li jippreżervaw id-diversità ġenetika⁽³⁴⁾.

Lil hinn mid-disponibbiltà ta' varjetajiet xierqa, ir-riskji għas-saħħa tal-pjanti u l-kontroll tal-ħaxix ħażin jibqgħu ostakli ewlenin għall-adozzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini. Biex tindirizza dan, il-Kummissjoni pproponiet f'Omnibus dwar l-Ikel u l-għalf⁽³⁵⁾ li tissimplifika l-proċeduri regolatorji għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li taċċellera l-aċċess għall-pestiċidi ta' kontroll bijoloġiku, u li tagħmel il-proċessi tat-tiġdid aktar effiċjenti. Il-Kummissjoni mmirat ukoll l-investment ta' Orizzont Ewropa fil-protezzjoni tal-pjanti, li jeħtieġ li jkompli jwieġeb għall-mard eżistenti u emerġenti.

Il-kondiviżjoni tal-għarfien hija kruċjali biex jiġi appoġġat l-użu usa' tal-għelejjel li fihom il-proteini. Il-kooperattivi, in-Networks Ewropej tal-PAK u n-networks tematiċi u konsultattivi ffinanzjati minn Orizzont Ewropa⁽³⁶⁾ għandhom rwol importanti permezz ta' azzjoni konġunta. Is-servizzi ta' konsulenza għall-farms ukoll huma essenzjali biex jappoġġaw l-adozzjoni mill-bdiewa ta' Prattiki ġodda u għas-sensibilizzazzjoni.

L-aċċess għal makkinarju modern adattat għal-legumi u għal għelejjel oħra li fihom il-proteini huwa essenzjali għaż-żriġ u l-ħsad preċiżi, u dan jgħin biex jittejbu l-affidabbiltà tar-rendiment u l-kwalità tal-prodott. L-appoġġ għall-investment tal-PAK għandu rwol importanti. Peress li dawn l-għelejjel

⁽³⁴⁾ Il-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola, *R&I for alternative protein sources towards strategic autonomy and sustainability in EU protein production*, is-6 ta' Mejju 2026.

⁽³⁵⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-tiżiż tar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf (COM(2025)1030 final).

⁽³⁶⁾ Hemm aktar informazzjoni disponibbli dwar in-*networks tematiċi* u n-*networks konsultattivi*.

spiss jtkabbru f'żoni relattivament żgħar, il-kooperattivi jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għal tagħmir speċjalizzat billi jaqsmu l-kostijiet tal-investment fost il-bdiewa.

- **Tisħiħ tal-ktajjen tal-valur u tal-kapaċitajiet reġjonali biex tittejjeb l-attrawenza tas-suq**

L-integrazzjoni aħjar tal-katina tal-valur u l-ġenerazzjoni tad-domanda huma fatturi ewlenin ta' "għibda" li jwasslu għal bidla.

Il-proposta tal-PAK għal wara l-2027 issaħħaħ il-katina tal-valur billi tistabbilixxi settur iddedikat tal-għelejjel li fihom il-proteini, tawtorizza r-rikonossiment tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u interprofessjonali, u b'hekk tiffaċilita azzjonijiet kollettivi, bħal miżuri ta' promozzjoni, introduzzjoni konġunta fis-suq, u tirrikjedi lill-Istati Membri jimplimentaw interventi settorjali tal-għelejjel li fihom il-proteini biex jappoġġaw l-investment, l-innovazzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni, il-ħżin u l-ġestjoni tar-riskju.

Huwa importanti li l-kwalità tkun riflessa fil-prezz u li l-bdiewa jiġu remunerati b'mod ġust. L-emendi tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq⁽³⁷⁾, li bħalissa qed jiġu eżaminati mill-koleġiżlaturi, imfassla biex isaħħu l-fiduċja fil-katina tal-ikel u tal-ġhalf, se jiffaċilitaw użu akbar tal-kuntratti bejn il-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra fil-katina tal-valur tal-għelejjel li fihom il-proteini biex jitnaqqsu r-riskji meta jaqilbu għal daww l-għelejjel billi tittejjeb il-prevedibbiltà tal-prezzijiet, jiġu żgurati l-punti tal-bejgħ u tiġi ċċarata d-domanda.

Minbarra l-appoġġ għall-introjt tal-PAK, l-ippjanar u l-finanzjament integrati skont il-PSNR joffru opportunitajiet biex jgħinu fl-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur permezz ta' **investimenti li se jsaħħu l-infrastruttura u l-kapaċità tal-ħżin u tal-ipproċessar meħtieġa biex il-provvista tintrabat mad-domanda**. Il-FEK, li se jappoġġa lin-negozji u lill-proġetti tul il-vjaġġ kollu ta' investment permezz ta' forum differenti ta' appoġġ (għotjiet, appoġġ ripagabbli, finanzjament imħallat), jista' jkollu rwol ukoll. Pereżempju, l-espansjoni tal-kapaċità tal-ipproċessar għall-għelejjel li fihom il-proteini fl-UE tiddiversifika l-ħwienet fis-suq u tappoġġa distribuzzjoni aktar territorjali tal-bhejjem b'inqas impatt ambjentali. Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività jista' jappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura tal-ġhalf, tal-ikel u tal-bijoraffineriji, filwaqt li jsaħħaħ il-ktajjen tal-valur reżiljenti tal-UE bbażati fuq il-proteina miksuba lokalment.

It-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-ġhalf importat b'kontenut għoli ta' proteina jimplika l-preżervazzjoni tal-applikazzjonijiet industrijali u tal-enerġija taż-żrieragħ żejtnin, is-sors domestiku ewlieni tal-UE ta' proteina tal-ġhalf ta' kwalità għolja. Il-progress fl-użu tal-bijomassa kif stabbilit fl-istrateġija dwar il-bioekonomija se jkompli jespandi l-opportunitajiet tas-suq.

Il-Kummissjoni diġà bdiet tikkomunika mal-partijiet ikkonċernati għat-tħejjija għall-opportunitajiet il-ġodda li se jirriżultaw mill-QFP futur. Din il-ħidma se tkompli.

L-iżvilupp reġjonali huwa importanti ħafna biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali fiż-żoni u r-reġjuni rurali, bħas-servizzi, in-nuqqasijiet ta' ħaddiema, l-iskarsezza tal-ilma u oħrajn. L-ippjanar integrat skont l-NRPP jista' jindirizza dan it-tħassib.

- **Titjib tal-użu sostenibbli tal-art bil-ħaxix u tal-integrazzjoni tal-bhejjem**

Il-PAK għal wara l-2027 iżżomm appoġġ qawwi għall-ġhalf fi ħdan approċċ aktar territorjali għall-ġestjoni tal-artijiet bil-ħaxix u tal-bhejjem, li jestendi s-CIS għall-ħaxix u l-foraġġ. Permezz tal-AECAs, l-Istati Membri jistgħu jippromwovu sistemi estensivi, ragħa sostenibbli u użu akbar tal-ħaxix fl-ġhalf. Ir-rwol tal-artijiet bil-ħaxix għandu jissaħħaħ, peress li dawn jikkontribwixxu għall-ħażna tal-karbonju, inaqqsu d-dipendenza fuq l-ġhalf importat u jgħinu biex jiġu indirizzati l-abbandun tal-art, it-telf tal-

⁽³⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel (COM(2024) 577 final).

wirt kulturali u ż-żieda fil-perikli naturali, speċifikament in-nirien fis-selvaġġ. Minbarra r-ragħa, hemm lok għall-espansjoni tal-użu ta' proteina estratta mill-ħaxix għal annimali monogastriċi.

- **Għoti tas-setgħa lill-bdiewa biex jaċċessaw inċentivi tal-karbonju u krediti tan-natura**

Biex jiġu pprovduti inċentivi ekonomiċi sabiex jitnaqqas l-użu tal-fertilizzanti, kif huwa enfasizzat fil-pjan ta' azzjoni dwar il-fertilizzanti, qed jiġi żviluppat metodu ta' ċertifikazzjoni skont ir-Regolament dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF)⁽³⁸⁾, biex jiġu rikonnoxxuti l-assorbimenti tal-karbonju mill-konverżjoni tal-artijiet tal-għelejjel f'artijiet bil-ħaxix, tittejjeb il-ġestjoni tal-artijiet bil-ħaxix, u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-N₂O permezz tal-użu tal-legumi. Dan il-qafas unifikat se jippermetti lill-bdiewa tal-għelejjel li fihom il-proteini jaċċessaw skemi ta' inċentivi tal-karbonju. Barra minn hekk, ir-rieżami mħabbar tal-addizzjonalità u l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas tas-CRCF jippreżenta opportunità biex tinħoloq firxa usa' ta' argumenti għall-vijabbiltà għall-bdiewa biex jinvolvu ruħhom fil-kultivazzjoni karbonika.

F'konformità mal-Pjan Direzzjonali għall-krediti tan-natura⁽³⁹⁾, l-approċċi għall-kreditu tan-natura jistgħu jgħinu wkoll biex jiġu ppremjati sistemi tal-proteina sostenibbli li jikkontribwixxu għaż-żamma, għar-restawr jew għat-titjib tal-ekosistemi, tal-ħabitats jew tal-bijodiversità, inklużi sistemi ta' bhejjem ibbażati fuq ir-ragħa fuq artijiet bil-ħaxix permanenti u sistemi bbażati fuq il-legumi li jirrispettaw il-bijodiversità, il-kultivazzjoni assoċjata jew produzzjoni bi ftit inputs flimkien ma' karatteristiċi tal-pajsaġġ.

4.3. Avvanz tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jissaħħu s-sistemi tal-proteina

- **Investiment fl-innovazzjoni u fiż-żrieragħ tal-għelejjel biex tingħata spinta lill-produzzjoni u lir-reżiljenza**

Il-Programmi Qafas tar-Riċerka tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa, investew aktar minn EUR 190 miljun biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-għelejjel li fihom il-proteini, inklużi t-tniissil, il-kultivazzjoni assoċjata, il-valorizzazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema, l-ipproċessar fil-farms, il-ktajjen tal-valur, u l-produzzjoni tal-ġhalf biex tissaħħa l-awtosuffiċjenza tal-UE. Taħt il-missjoni tal-UE "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa", il-proġetti jesploraw ukoll ir-rwol tal-għelejjel li fihom il-proteini fit-titjib tas-saħħa tal-ħamrija permezz ta' Laboratorji Ħajjin. Is-Sħubija tal-UE dwar is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali tindirizza wkoll is-suġġett permezz tat-tagħlif tal-annimali u l-addittivi tal-ġhalf. Is-Sħubija tal-UE dwar l-Agroekoloġija tindirizza d-diversifikazzjoni tal-għelejjel u l-potenzjal ta' sistemi mħallta. Is-sħubija tal-UE Biodiversa+ indirizzat ukoll is-suġġett minn approċċ differenti li jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi perenni ta' tkabbir tal-għelejjel tal-ħbub⁽⁴⁰⁾.

Hemm bżonn ta' investiment immirat fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex tingħata spinta lill-produzzjoni u l-użu tal-għelejjel li fihom il-proteini. Il-prijoritajiet jinkludu, fost l-oħrajn: it-tniissil tal-pjanti u l-iżvilupp taż-żrieragħ; it-tnaqqis tal-fertilizzanti; il-protezzjoni tal-għelejjel sostenibbli; id-diversifikazzjoni; u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur, flimkien mar-riċerka dwar is-sistemi tar-ragħa u l-formulazzjonijiet tal-ġhalf ibbażati fuq il-proteini lokali. Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma meħtieġa wkoll fuq il-proċessabbiltà, il-kwalità sensorjali, in-nutrizzjoni, id-diġestibbiltà u l-allergeniciċità tal-għelejjel li fihom il-proteini mkabbra fl-UE. Minħabba l-varjabbiltà bejn il-varjetajiet u l-kundizzjonijiet tat-tkabbir, il-kwalità standardizzata, il-valutazzjoni tar-riskju, u l-metodi ta' klassifikazzjoni huma essenzjali biex jappoġġaw il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu usa'. Huma meħtieġa

⁽³⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti (ĠU L, 2024/3012, 6.12.2024).

⁽³⁹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Pjan direzzjonali għall-krediti tan-natura, COM(2025) 374 final.

⁽⁴⁰⁾ Aktar informazzjoni hi disponibbli fuq [Biodiversa+](#).

wkoll teknoloġiji u infrastrutturi xierqa tal-ipproċessar għall-ikel u l-għalf, inkluż fil-farm, biex jinħoloq il-valur.

L-investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji biex tiġi vvalorizzata aħjar il-bijomassa, billi jiġu inklużi r-residwi u l-prodotti sekondarji fl-għalf, ukoll jeħtieġ li jkomplu f'kooperazzjoni mas-settur privat.

• Tisħiħ tal-kollaborazzjoni u trasferiment tal-għarfien fost l-atturi

Il-kollaborazzjoni tul il-katina tal-valur hija essenzjali biex tiżdied l-innovazzjoni. Inizjattivi bħall-EIP-AGRI (is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli) u n-network Ewropew tal-PAK jappoġġaw l-iskambju tal-għarfien, il-proġetti kollaborattivi u l-aħjar Prattiki, filwaqt li l-irbit tar-riċerka u l-innovazzjoni ma' servizzi ta' estensjoni jiżgura t-trasferiment effettiv lill-bdiewa. Permezz ta' proġetti li jinvolvu diversi partijiet ikkonċernati, attivitajiet tematiċi u inizjattivi ta' networking, dawn il-pjattaformi se jkomplu jippromwovu l-aħjar Prattiki dwar l-għelejjel li fihom il-proteini u jxerrdu r-riżultati rilevanti minn proġetti implimentati fil-livell tal-Istati Membri. L-attivitajiet tagħhom se jikkontribwixxu wkoll għal djalogi ddedikati dwar il-proteina mal-Istati Membri u jikkontribwixxu għad-djalogi annwali dwar l-ikel. Il-politika ta' koeżjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni tippovdi għodda oħra biex tappoġġa l-innovazzjoni u diversi reġjuni identifikaw prijoritajiet rilevanti fl-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tagħhom⁽⁴¹⁾

Approċċ komprensiv tar-riċerka u l-innovazzjoni għall-proteina jeħtieġ li japprofondixxi l-għarfien xjentifiku u jimla l-lakuni filwaqt li jiżgura integrazzjoni effettiva fid-dixxiplini kollha⁽⁴²⁾. Hemm bżonn ta' aktar finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni biex tingħata spinta lill-kompetittività, lis-sostenibbiltà u lir-reżiljenza tal-proteini tal-pjanti u dawk alternattivi, li jibni fuq il-FEK futur u l-Orizzont Ewropa li jmiss. L-Approċċ Strateġiku l-għdid li ġej għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-agrikoltura, il-foresti, iż-żoni rurali u s-sistemi tal-ikel se jiffurma l-bażi biex jiġu ggwidati l-investimenti futuri ħalli jiġu żviluppati għarfien, Prattiki u għodod ġodda għas-setturi tal-proteina. Fuq medda twila ta' żmien, ħidma ulterjuri f'oqsma bħall-protezzjoni tal-pjanti, it-tniissil u l-bijoeconomija b'bażi bijoloġika, li tinvolvi kemm lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka kif ukoll lis-settur privat f'dawn l-oqsma kollha, se tkompli ssaħħaħ l-użu tar-riżultati.

4.4. Titjib tar-reżiljenza, il-kompetittività u l-preparatezza tas-sistema tal-proteina tal-UE

Ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-sistema tal-proteina tal-UE huma marbuta mill-qrib mal-effiċjenzi fl-għalf, fit-tniissil u fl-innovazzjoni li fihom l-UE hija mexxejja teknoloġika:

- biex is-sistemi tal-bhejjem isiru aktar effiċjenti;
- għall-ottimizzazzjoni tal-istrateġiji tat-tagħlif;
- għall-inċentivar tal-għalf reġjonali u lokali;
- għad-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet filwaqt li jiġu allinjati l-istandards tas-sostenibbiltà;
- għall-appoġġ għall-produzzjoni domestika tal-inputs u tal-addittivi tal-għalf;

⁽⁴¹⁾ Is-Sħubijiet S3 u l-istrument ta' Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni (I3) diġà qegħdin isaħħu l-kollaborazzjoni reġjonali, it-trasferiment tat-teknoloġija, u l-iskalar industrijali madwar l-Ewropa. Is-Sħubijiet S3 jgħaqqu flimkien lil reġjuni li huma interessati fi ktajjen ta' valur ġodda. Żewġ eżempji huma "Biedja b'Teknoloġija Avanzata" u "Ingredjenti għall-Bijoeconomija (I4BE)". L-Istrument I3 jappoġġa l-kollaborazzjonijiet interreġjonali, u jgħin lir-reġjuni jeqilbu proġetti ta' riċerka u proġetti pilota f'opportunitajiet ekonomiċi reali, bħall-iżvilupp ta' katina ta' valur tranżnazzjonali għidha fil-bijofertilizzanti u s-soluzzjonijiet tal-bijoeconomija.

⁽⁴²⁾ Il-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola, *R&I for alternative protein sources towards strategic autonomy and sustainability in EU protein production*, is-6 ta' Mejju 2026.

- għall-iżgurar tal-preparatezza u tal-kontinġenza.

- **Adattament tas-sistemi tal-bhejjem għall-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi lokali**

Il-potenzjal għall-ottimizzazzjoni tad-domanda għall-għalf jinsab fit-tqabbil aħjar tal-produzzjoni tal-bhejjem mal-produzzjoni tal-għalf reġjonali u lokali. Filwaqt li tibni fuq il-PAK attwali, il-PAK għal wara l-2027 tagħti għażliet lill-Istati Membri biex jappoġġaw aktar id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem, inkluża l-estensifikazzjoni, u miżuri biex jinkoraġġixxu **użu akbar tal-proteini tal-pjanti prodotti fir-reġjun u lokalment**, permezz ta' strumenti bħall-appoġġ għall-introjt bbażat fuq l-erja, b'mod partikolari għal sistemi mħallta ta' għelejjel u bhejjem, u CIS miżjud għall-bdiewa li jgħaqqdu l-produzzjoni tal-għelejjel u tal-bhejjem. F'żoni affettwati mit-tiġis ikkawżat min-nitrati, il-Kummissjoni pproponiet li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jappoġġaw lill-bdiewa fl-estensifikazzjoni tas-sistema tal-bhejjem tagħhom jew fid-diversifikazzjoni tal-attivitàjiet tagħhom u, skont l-AECA l-ġdida, se jipprovdu wkoll appoġġ għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem, pereżempju permezz ta' impenji ta' ġestjoni volontarja jew permezz tal-pagament ta' tranżizzjoni l-ġdid. Dan se jippermetti li l-artijiet marġinali jintużaw aħjar għar-ruminanti, filwaqt li għall-monogastriċi, hemm opportunitajiet biex jintużaw aħjar il-koprodotti mill-ikel f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għalf tal-annimali, il-prodotti sekondarji tal-annimali u l-Enċefalopatija Sponġiformi Trażmissibbli (TSE), u l-ipproċessar tal-bijofjuwils, li jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-għalf u l-kompetizzjoni għall-bidla fl-użu tal-art.

Kif ġew żviluppati fl-istrateġija għall-bhejjem, l-ottimizzazzjoni tal-kompożizzjoni tal-merħla u tal-mudelli tan-negozju f'konformità mar-riżorsi naturali disponibbli fil-livell reġjonali u d-diversifikazzjoni tal-introjt tal-produtturi tal-bhejjem affettwati fl-ipproċessar tal-valur miżjud se jgħinu wkoll biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-proteina tal-pjanti importata.

- **Produzzjoni lokali tal-għalf**

It-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet irid ikun akkumpanjat minn sforzi biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni tal-għalf Ewropea. Is-sostituzzjoni tal-għalf bil-proteina importat b'alternattivi Ewropej, reġjonali jew lokali tista' żżid il-kostijiet għall-produtturi tal-bhejjem jekk dawn ikunu aktar għaljin mill-importazzjonijiet. Filwaqt li l-appoġġ pubbliku jista' jgħin biex jiġu żviluppati ktajjen tal-valur tal-għalf reżiljenti, dawn il-kostijiet iridu jiġu assorbiti mingħajr ma tiġi mminata l-kompetittività. L-istrateġija għall-bhejjem tistabbilixxi l-perkors li jippermetti identifikazzjoni ċara tal-konsumaturi, permezz ta' tikkettar volontarju u ktajjen tal-provvista qosra, biex tappoġġa din it-tranżizzjoni.

Upstream mill-produtturi tal-annimali, l-espansjoni tal-kapaċità tal-ipproċessar u tal-ħżin reġjonali hija kruċjali biex jiżdied l-użu tal-għalf lokali. L-istrumenti ta' investiment disponibbli skont il-PAK diġà jistgħu jappoġġaw lill-bdiewa u lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-iżvilupp ta' tali infrastruttura reġjonali tal-ipproċessar u tal-ħżin, bħall-unitajiet tat-tnixxif, il-bijoraffineriji jew il-pjattaformi tal-loġistika. Il-FEK futur jista' tikkontribwixxi ulterjorment għal dan l-oġettiv billi jagħti spinta lill-investimenti mmirati lejn it-titjib tal-kompetittività u r-reżiljenza.

Sabiex tingħata direzzjoni lill-politiki u jiġi mmonitorjat il-progress, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jimmonitorjaw l-użu tal-għalf lokali⁽⁴³⁾. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tikkunsidra li tiżviluppa **tikketti volontarji jew termini riżervati fakultattivi** dwar l-oġġini tal-għalf użat għall-produzzjoni tal-prodott.

⁽⁴³⁾ L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, [*Protein diversification in Europe: risks and opportunities for sustainable food systems*](#), it-22 ta' Ġunju 2026.

- **Ottimizzazzjoni tal-istrateġiji tat-tagħlif fost it-tipi ta' bhejjem**

Ir-ruminanti jistgħu jintgħalfu bil-ħaxix u jgħinu fil-manutenzjoni tal-artijiet bil-ħaxix, filwaqt li l-monogastriċi jistgħu jagħmlu użu mill-fdalijiet u mill-koproducti mill-ipproċessar tal-ikel u agrikolu li kieku jispiċċaw jintremew bħala skart. L-istrateġiji tat-tagħlif huma mfassla biex jissodisfaw ir-rekwiżiti li qegħdin jinbidlu għan-nutrijenti li jaqblu mar-rekwiżiti ta' titjib ġenetiku u tas-saħħa u l-benessri tal-annimali. Madankollu, ma hemm l-ebda soluzzjoni unika li tapplika għas-sistemi kollha ta' produzzjoni, għall-bhejjem kollha u għar-reġjuni kollha. Madankollu, l-ottimizzazzjoni tal-istrateġiji tat-tagħlif tista' tnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq proteini tal-pjanti importati, filwaqt li toħloq ktajjen tal-valur għall-proteini mkabbra fl-UE u ttejjeb is-sostenibbiltà.

Peress li l-ebda approċċ uniku ma japplika għas-sistemi jew għar-reġjuni kollha, il-manifatturi tal-għalf għandhom rwol ewlieni fl-ibbilanċjar tar-rekwiżiti nutrizzjonali tal-annimali, tad-disponibbiltà tal-ingredjenti, tal-affordabbiltà u tas-sostenibbiltà. Huma jifformulaw l-għalf kompost minn firxa wiesgħa ta' materjali u addittivi tal-għalf lokali u importati filwaqt li jadattaw għal restrizzjonijiet ambjentali, regolatorji u tas-suq sabiex jappoġġaw l-aħjar prestazzjoni tal-bhejjem. Dan ir-rwol huwa partikolarment importanti minħabba li l-għalf kompost jirrappreżenta sehem sinifikanti mid-domanda totali għall-għalf tal-bhejjem, u l-kostijiet tal-għalf huma l-input ekonomiku ewlieni fil-produzzjoni tal-bhejjem.

Bil-għan li tiġi promossa bijoekonomija ċirkolari, l-użu ta' eks oġġetti tal-ikel, prodotti sekondarji u koproducti mill-produzzjoni tal-ikel bħala għalf għall-annimali jappoġġa l-għanijiet tal-bioekonomija ċirkolari billi jnaqqas l-iskart, jippreżerva n-nutrijenti, u jipprovdi benefiċċji ekonomiċi u ambjentali. Il-politika tal-UE thegġegħ lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-użu sikur fin-nutrizzjoni tal-annimali fuq għażliet ta' valur aktar baxx bħall-bijofjuwils, il-kompostjar, il-bijogass, l-inċinerazzjoni jew ir-rimi fil-landfill, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti rilevanti kollha dwar is-sikurezza tal-għalf u rekwiżiti legali oħra. L-għalf ċirkolari jista' jinvolvi wkoll il-kunsiderazzjoni ta' sorsi ġodda ta' nutrijenti għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali, bħall-proteina derivata mill-insetti.

- **Diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet filwaqt li jiġu allinjati l-istandards tas-sostenibbiltà**

Filwaqt li dan il-pjan jippreżenta passi prattiċi biex tingħata spinta lill-produzzjoni tal-UE lejn awtonomija akbar, sadanittant, id-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet tgħin biex jitnaqqas r-riskji ta' dipendenza. L-FTAs eżistenti (u futuri) li l-UE qed tikkonkludi ma' diversi sħab kummerċjali jipprovdu bażi għad-diversifikazzjoni kemm tal-importazzjonijiet kif ukoll tal-esportazzjonijiet. Id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-proteina tal-għalf minn pajjiżi mhux tal-UE x'aktarx li se tibqa' teżisti fil-futur. Minħabba d-dazju żero għall-fażola tas-sojja u għall-għalf tas-sojja, kif ukoll in-numru limitat ta' oriġini tal-provvista għal dawn il-prodotti, id-diversi FTAs li l-UE kkonkludiet ma' pajjiżi mhux tal-UE jgħinu jikkonsolidaw dan l-arranġament u jgħinu jiddiversifikaw il-provvista tal-fażola tas-sojja lill-UE. L-UE se tuża d-diplomazija agroalimentari tagħha biex tkompli tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista u tiftaħ kurituri ta' provvista ġodda.

L-Ukrajna, li hi l-pajjiż ġar tal-UE u kandidat għall-adeżjoni, tista' tgħin biex jitnaqqas id-defiċit tal-proteina tal-UE u jagħmilha aktar aġli, bil-kooperazzjoni ffukata fuq l-allinjament tal-istandards tal-produzzjoni, b'mod partikolari għall-fażola tas-sojja. L-UE se taħdem mal-Ukrajna fuq oqsma għall-kooperazzjoni li huma ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, bħall-produzzjoni tal-fażola tas-sojja, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni leali.

F'termini ta' allinjament aħjar tal-istandards tal-produzzjoni, diġà saru diversi passi.

Fil-Viżjoni tagħha għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżgura li l-pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE ma jiġux introdotti mill-ġdid permezz tal-importazzjonijiet. Biex

tikkomplementa inizzjattivi preċedenti⁽⁴⁴⁾, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Omnibus dwar l-Ikel u l-ġhalf u se twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-possibbiltà li jiġu allinjati l-istandards tal-produzzjoni għall-prodotti importati.

Il-produzzjoni tal-proteini jista' jkollha implikazzjonijiet sinifikanti għall-użu tal-art. Il-qafas leġiżlattiv Ewropew, inkluż ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR)⁽⁴⁵⁾ u t-Tibdil Indirett fl-Użu tal-Art (ILUC)⁽⁴⁶⁾, jindirizza dan it-tħassib. Madankollu, dawn jistgħu jinvolvu wkoll impatti fuq il-katina tal-valur, kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-kummerċjanti, li jirrikjedu attenzjoni speċifika.

- **Żvilupp tal-produzzjoni domestika tal-inputs u tal-addittivi tal-ġhalf**

Il-bidliet fis-sorsi tal-proteina u fid-dieti tal-annimali jirrikjedu addittivi tal-ġhalf xierqa. L-użu tal-aċidi amminiċi fid-dieti tal-ġhalf illum huwa l-aktar soluzzjoni kosteffettiva biex titnaqqas id-dipendenza kbira tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-fażola tas-sojja, filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu u jiġu appoġġati s-saħħa u l-benessri tal-annimali. It-tnaqqis fl-aċċess għas-suq għall-aċidi amminiċi essenzjali (speċjalment il-liżina u l-metijonina) jirriżulta f'importazzjonijiet oġġetti tal-fażola tas-sojja minn pajjiżi mhux tal-UE u aktar nitroġenu rilaxxat fl-ambjent. Bl-istess mod, is-supplimentazzjoni tal-ġhalf bi kwantitajiet suffiċjenti ta' vitamini hija prerekwiżit għas-saħħa u l-benessri tal-annimali, u għall-ottimizzazzjoni tal-prestazzjonijiet fi kwalunkwe sistema eżistenti tat-trobbija tal-annimali. Defiċjenza ta' vitamina waħda tista' tkun biżżejjed biex taffettwa l-prestazzjonijiet żootekniċi, u b'hekk ikollha impatt fuq il-kompetittività tal-bhejjem tal-UE u potenzjalment timmina l-awtonomija alimentari tal-UE.

L-UE tiddependi b'mod sinifikanti fuq pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari mill-Asja tal-Lvant, għal kważi l-vitamini u l-aċidi amminiċi kollha li teħtieġ għat-tagħlif tal-annimali.

Għalhekk, id-dipendenza tal-UE fuq il-vitamini u l-aċidi amminiċi importati toħloq riskji kritiċi għall-provvista. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tindirizza dawn id-dgħufijiet **billi tipproteġi u tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali tagħha permezz ta' għodod ta' kompetittività u kummerċ**, filwaqt li taħdem biex **tesplora l-potenzjal tar-rilokalizzazzjoni tal-produzzjoni permezz tal-miżuri li ġejjin:**

- **It-tnedija ta' studju biex tiġi vvalutata l-firxa tad-dipendenzi tal-UE u l-potenzjal li dawn jittaffew.**
- L-esplorazzjoni tal-possibbiltajiet taħt il-FEK futur għall-espansjoni tal-proġetti u għall-ġhoti ta' inċentivi lill-operaturi tal-UE biex jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċità tal-produzzjoni eżistenti għall-addittivi tal-ġhalf/vitamini, jiżguraw il-kontinwità tal-operat u/jew jinvestu f'kapaċitajiet ġodda.
- **It-tkomplija tas-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-addittivi tal-ġhalf** biex jippermettu l-innovazzjoni u d-disponibbiltà fis-suq fil-kuntest tal-Omnibus dwar l-Ikel u l-Ġhalf.
- It-titjib tal-**monitoraġġ tal-vulnerabbiltajiet u l-identifikazzjoni ta' riskji kritiċi** relatati mal-inputs tal-ġhalf/mal-addittivi u l-iżvilupp ta' għażliet ta' preparatezza rilevanti. Wara r-

⁽⁴⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/334 tat-2 ta' Frar 2023 naqqas il-Livelli Massimi ta' Residwi għas-sustanzi tan-neonikotinojdi klotjanidin u tijametossam sal-limitu tad-determinazzjoni analitika biex jiġi protetti n-naħal u d-dakkara.

⁽⁴⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 206–247).

⁽⁴⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209).

rapport Niinistö⁽⁴⁷⁾, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza⁽⁴⁸⁾ bl-oġġettiv, fost l-oġrajn, li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, bħas-sigurtà tal-ikel.

- F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tkompli tiffoka b'mod partikolari fuq id-dipendenzi fuq l-addittivi tal-ikel u l-għalf fi ħdan il-Mekkaniżmu Ewropew ta' tħejjija u rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel u se tirrifletti fuq għodod differenti, bħal dawk relatati ma' materjali kritiċi f'termini ta' trasparenza tas-suq, kumulazzjoni ta' riżervi, akkwist konġunt jew strumenti oħra, biex tiżdied ir-reżiljenza għall-iskossi esterni u jiġu stabbilizzati kemm id-disponibbiltà kif ukoll l-affordabbiltà.

4.5. Tisħiħ tal-ktajjen tal-valur tal-proteini tal-UE billi tittejjeb l-attraenza tas-suq u tinċentiva d-domanda u tippromwovi soluzzjonijiet lokali

- L-appoġġ għal dieti diversifikati
- L-użu ta' għodod differenti fil-livell nazzjonali u tal-UE biex tiġi stimulata d-domanda
- L-iżgurar tar-responsabbiltà u l-kooperazzjoni fil-katina tal-valur

• Appoġġ għal dieti diversifikati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema

Is-sistema agroalimentari tal-UE toffri lin-nies ħafna għażliet tal-ikel sikuri u ta' kwalità għolja. Hemm lok għal varjetà ta' dieti li jsegwu l-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-individwi, li jinkludu sorsi differenti ta' proteini tal-pjanti u prodotti tal-annimali prodotti b'mod sostenibbli. Id-disponibbiltà aktar mifruxa tal-proteini tal-pjanti domestiċi u l-affordabbiltà akbar tagħhom iżidu l-għażla u l-aċċessibbiltà tal-konsumatur. Min-naħa l-oħra, id-dieti varjati u aktar ibbilanċjati jgħinu jibnu ktajjen tal-valur vijabbli għall-prodotti tal-annimali bbażati fuq il-pjanti u integrati fit-territorju, itejbu l-eżiti tas-saħħa pubblika u jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE⁽⁴⁹⁾.

L-għażliet tal-ikel għall-konsumatur huma fformati mill-ambjenti tal-ikel, li huma ggwidati l-aktar mill-prezz u mill-atturi privati, iżda huma influwenzati mill-politiki pubbliċi. L-għodod tal-politika nazzjonali bħat-tassazzjoni, l-edukazzjoni, il-linji gwida dwar id-dieta u l-informazzjoni dwar l-impatti fuq is-saħħa, il-klima, l-ambjent u dawk soċjali jistgħu jappoġġaw dieti aktar tajbin għas-saħħa u diversi. Lievi addizzjonali għall-atturi pubbliċi u privati jinkludu l-ipprezzar, id-disponibbiltà, il-catering pubbliku, il-kompożizzjoni tal-prodotti u l-informazzjoni għall-konsumatur, inklużi t-tikkettar u r-reklamar, kif imsemmi fil-pjan tal-Kummissjoni għall-qlub b'saħħithom.

• Mobilizzazzjoni ta' għodod differenti tal-UE u nazzjonali biex tiġi stimulata d-domanda

Minbarra l-politiki nazzjonali, il-politika tal-UE taqdi rwol importanti. F'konformità mar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għal-legumi mnixxa u għall-fażola tas-sojja, **il-proposta tal-PAK għal wara l-2027 tippermetti li jiġu introdotti standards għall-għelejjel li fihom il-proteini, biex il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar dwar l-oġġini tal-prodott.** Dawn l-istandards jistgħu jippromwovu l-konsum ibbażat fuq il-pjanti u jappoġġaw kampanji tal-UE li jenfasizzaw il-benefiċċji għas-saħħa u s-sostenibbiltà tal-ħxejjex leguminużi.

⁽⁴⁷⁾ Il-Konsulent Speċjali Niinistö, *Report: Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness*, it-30 ta' Ottubru 2024.

⁽⁴⁸⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, *L-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza*, JOIN(2025) 130 final.

⁽⁴⁹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea: Ċentru Kongunt tar-Riċerka, *Closing the EU protein gap – drivers, synergies and trade-offs*, 2024.

Il-Kummissjoni se tippromwovi s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet għal-legumi u l-ħxejjex leguminużi fil-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-promozzjoni u se tintegra dawk il-prodotti fil-kampanja li ġejja "Ixtri Ewropew".

L-akkwist pubbliku tal-ikel jista' jmxexxi 'l quddiem ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà billi jappoġġa ktajjen tal-provvista ġodda, jiżgura d-domanda għal prodotti sostenibbli, u jsawwar ix-xejriet tal-konsum. Il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel tħabbar proposta biex jissaħħa ir-rwol tal-akkwist pubbliku. Din issemmi li l-akkwist pubbliku għandu jsegwi approċċ li jqis "l-aħjar valur" biex jippremja l-isforzi tal-kwalità u tas-sostenibbiltà. Il-produzzjoni lokali ta' prodotti bbażati fuq il-pjanti, b'mod partikolari l-ħxejjex leguminużi, hija allinjata sew ma' dawn l-oġġettivi u hija mistennija li tibbenefika minn dan l-approċċ.

L-iskema għall-iskejjel tal-UE⁽⁵⁰⁾ (li tappoġġa d-distribuzzjoni tal-ħalib, tal-frott u tal-ħxejjex lil miljuni ta' tfal tal-iskola) tista' tappoġġa b'mod ulterjuri l-konsum sostenibbli u reżiljenti permezz tas-sensibilizzazzjoni tat-tfal b'miżuri edukattivi dwar il-benefiċċji tal-ħxejjex leguminużi u billi tiffamiljarizzahom mat-togħma tagħhom.

- **Allinjament tal-ipprezzar u t-tassazzjoni biex jiġu riflessi l-kostijiet tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza**

Il-prezzijiet jinfluwenzaw ħafna l-għażliet tal-konsumatur u jistgħu jixprunaw il-bidla lejn dieti diversi. Dan jinkludi inizjattivi ta' pprezzar tal-bejjiegħa bl-immnut allinjati mal-kost veru ta' ikel sostenibbli u reżiljenti, appoġġati minn prattiki ta' tikkettar. Minbarra l-ipprezzar, il-bejjiegħa bl-immnut u l-industriji tal-ikel għandhom rwol importanti billi joffru għażliet għal dieti diversifikati u jippromwovu għażliet aktar sostenibbli.

Billi jfasslu politiki ta' tassazzjoni xierqa, l-Istati Membri wkoll jistgħu javvanzaw fil-kontribut għat-tranżizzjoni lejn sistema tal-ikel reżiljenti.

Għalkemm il-bidla lejn aktar prodotti tal-għelejjel li fihom il-proteini fl-ikel u fl-għalf ma hijiex direttament eliġibbli għal ftehimiet ta' sostenibbiltà skont l-Artikolu 210a tar-Regolament dwar l-OKS, il-bdiewa u partijiet ikkonċernati oħra fil-katina jistgħu jikkunsidraw li jinkludu, fil-ftehimiet ta' sostenibbiltà, inizjattivi li jsegwu oġġettivi tas-sostenibbiltà eliġibbli, bħat-tnaqqis tat-telf u tal-użu tan-nitroġenu, it-titjib tal-bijodiversità, u għanijiet oħra relatati.

4.6. Iċ-ċirkolarità bħala argument għall-vijabbiltà

- **Bijofjuwils**

Il-produzzjoni domestika ta' għelejjel b'kontenut għoli ta' proteini mhux biss tnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-proteini iżda tikkontribwixxi wkoll għal koprodotti siewja li jistgħu jintużaw bħala ikel u għalf, kif ukoll għall-produzzjoni tal-bijofjuwils, li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-UE kemm fis-settur tal-ikel u tal-għalf kif ukoll fis-settur tal-enerġija. Il-Kummissjoni **se tivvaluta fir-rieżami tal-qafas tal-enerġija rinnovabbli wara l-2030 kif il-produzzjoni ta' bijofjuwils sostenibbli, għelejjel li fihom il-proteini u materja prima mkabbrin lokalment jistgħu jiżdiedu sabiex jiġu appoġġati l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza tal-Unjoni, billi dawn l-għanijiet jiġu riflessi fil-qafas tal-politika ġenerali.**

- **Tħaddin tal-bijoeconomija**

L-integrazzjoni ta' perspettiva tal-bijoeconomija hija kruċjali għall-użu sostenibbli tar-riżorsi u għall-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-sorsi tal-proteina tal-UE f'konformità mal-użu effiċjenti tal-prinċipju tal-bijomassa għal applikazzjonijiet ta' valur għoli skont l-oġġettivi fl-istrateġija dwar il-bijoeconomija.

⁽⁵⁰⁾ L-Artikoli 22 sa 25 u l-Anness V tar-Regolament dwar l-OKS.

Sabiex jiġu identifikati oqsma li fihom jista' jittejjeb l-użu tar-riżorsi, l-istrateġija dwar il-bijoeconomija tippromwovi l-monitoraġġ imtejjeb tal-flussi tal-bijomassa biex tiżdied it-trasparenza fis-setturi kollha li jużaw il-bijomassa bħala ikel, għalf, fertilizzant, enerġija u għal użi industrijali oħra. Inizjattivi bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika u l-grupp ta' ħidma tagħha dwar il-produtturi primarji wkoll għandhom rwol ewlieni fl-avvanz tal-bijoeconomija.

Il-Kummissjoni se taħdem fuq l-**iżvilupp ta' karti tal-bilanċ tal-bijomassa** biex ittejjeb id-diskrepanzi fid-data dwar id-disponibbiltà tal-koprodotti, u se tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex ifasslu karti tal-bilanċ armonizzati tal-proteina tal-għalf u tal-ikel.

5. Konklużjonijiet

Id-dipendenza qawwija tas-sistema tal-proteina tal-UE fuq l-għalf importat b'kontenut għoli ta' proteina tirrifletti sett ta' sfidi interkonnessi, inklużi l-ktajjen tal-valur sottożviluppati tal-għelejjel li fihom il-proteini, il-vitamiini u l-aċidi amminiċi importati, il-kompetittività insuffiċjenti, id-disponibbiltà limitata tal-art, il-pressjonijiet ambjentali, id-dipendenza ta' ċerti sistemi tal-bhejjem fuq l-għalf importat, ix-xejriet tal-konsum u l-ostakli għall-użu ta' proteini alternattivi.

Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, il-perkors jgħaqqad flimkien azzjonijiet ikkoordinati u sistemiċi fil-provvista u d-domanda għall-għalf u l-ikel. Dan isaħħaħ il-produzzjoni tal-UE billi jinċentiva l-għelejjel li fihom il-proteini permezz tal-għodod tal-PAK, u jiżviluppa ktajjen tal-valur reżiljenti appoġġati mill-infrastruttura tal-ipproċessar, mill-użu akbar tal-kuntratti u mill-investimenti mmirati. Fl-istess ħin, jippromwovi d-diversifikazzjoni tal-importazzjonijiet, u sistemi tal-bhejjem aktar effiċjenti u bbażati lokalment, inklużi l-estensifikazzjoni bbażata fuq l-artijiet bil-ħaxix, l-istrateġiji tat-tagħlif ottimizzi li jiddependu fuq għalf miksub lokalment, appoġġati mill-infrastruttura, l-inċentivi tas-suq u l-produzzjoni domestika tal-inputs tal-għalf.

B'mod parallel, il-perkors jistimula d-domanda permezz ta' dieti aktar diversifikati, ambjenti tal-ikel imtejba, akkwist pubbliku, tikkettar u miżuri ta' sensibilizzazzjoni, filwaqt li javvanza r-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-għelejjel, il-proteini alternattivi u s-soluzzjonijiet tal-bijoeconomija u dawk ċirkolari. Dawn l-azzjonijiet huma mirfuda minn koordinazzjoni aktar soda tal-politika, allinjament mal-oġettivi ambjentali u monitoraġġ u djalogu mtejba, li jiżguraw it-tranżizzjoni tas-sistema kollha lejn sistema tal-proteina tal-UE aktar reżiljenti, sostenibbli u kompetittiva.

Bl-attitudni imprenditorjali u adattiva tagħhom, il-bdiewa żgħażaġħ, li spiss ikunu fost l-ewwel li jadottaw teknoloġiji ġodda, Prattiki sostenibbli u mudelli kummerċjali diversifikati, għandhom rwol ċentrali x'jaqdu biex jinħatfu l-opportunitajiet marbuta mat-tranżizzjoni lejn sistema sostenibbli u reżiljenti ta' provvista u domanda tal-proteini.

Permezz ta' ambjent ta' politika ta' appoġġ, flimkien ma' innovazzjoni ddedikata, l-UE tista' taċċellera l-użu ta' Prattiki sostenibbli u timxi lejn il-**parametri referenzjarji li ġejjin sal-2035** biex tiżgura li s-sehem tal-proteina miż-żrieragħ żejtnin u mill-għelejjel li fihom il-proteini li joriġinaw mill-UE u li jintużaw bħala għalf fl-UE, li kien ta' 25,8 % fl-2025, jilħaq 35 % fl-2035.

ANNESS: Azzjonijiet ewlenin

1. Żvilupp ta' ktajjen tal-valur tal-għelejjel li fihom il-proteini fl-Ewropa u tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa

Id	Azzjonijiet
1.1	Monitoraġġ tal-użu tal-għalf lokali.
1.2	Jiġi stabbilit parametru referenzjarju għall-UE kollha biex tiġi mmonitorjata l-awtonomija strateġika ġenerali tal-UE fir-rigward tal-proteina.
1.3	Jiġu implimentati standards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-għelejjel li fihom il-proteini fuq it-tikkettar tal-orijini.
1.4	Jittejjeb l-użu tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-akkwist pubbliku tal-ikel, tas-servizzi tal-ikel u tad-distributuri awtomatiċi.

2. Titjib tal-għarfien dwar l-awtosuffiċjenza tal-UE fir-rigward tal-proteina

Id	Azzjonijiet
2.1	Jiġu stabbiliti djalogi tal-UE dwar il-proteina mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-pjan tal-UE dwar il-proteina.
2.2	Jitnieda studju biex tiġi vvalutata l-firxa tad-dipendenzi tal-UE u l-potenzjal li dawn jittaffew.
2.3	Tinħareġ gwida dwar karta tal-bilanċ nazzjonali armonizzata tal-proteina fl-għalf u fl-ikel.

3. Inċentivar tal-katina tal-valur tal-proteini

Id	Azzjonijiet
3.1	Jiġu esplorati perkorsi għall-investment f'faċilitajiet ta' ħżin u pproċessar biex jiġu żviluppati ktajjen reżiljenti tal-valur tal-għalf ibbażati fuq materjali tal-għalf b'kontenut għoli ta' proteini prodotti lokalment skont il-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u l-FEK.
3.2	Jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' tikketti volontarji jew ta' termini riżervati fakultattivi li jiċċertifikaw li l-prodotti tal-bhejjem ġew prodotti esklużivament bl-użu ta' għalf tal-UE, nazzjonali, reġjonali jew lokali f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-katina tal-provvista.
3.3	Tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar l-oportunitajiet ta' finanzjament għall-kampanji ta' promozzjoni tal-UE li jenfasizzaw il-benefiċċji tas-saħħa u tas-sostenibbiltà tal-ħxejjex leguminużi.
3.4	Tinħoloq sensibilizzazzjoni dwaqr il-ħxejjex leguminużi fl-istabbilimenti edukattivi permezz tal-Iskema għall-Iskejjel biex it-tfal jiġu ffamiljarizzati mat-toghħma u mad-dehra tagħhom u jkunu konxji tal-benefiċċji nutrizzjonali tagħhom.
3.5	L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li javvanzaw politiki ta' tassazzjoni li jtejbju l-aċċess tal-konsumatur għal ikel reżiljenti u affordabbli.

4. Titjib tal-kompetittività tal-għelejjel li fihom il-proteini tal-UE u tal-proteina alternattiva

Id	Azzjonijiet
4.1	Tiġi żviluppata metodoloġija ta' ċertifikazzjoni għall-agrikoltura u l-agroforestrija fuq il-ħamrija minerali, inklużi prattiki li jnaqqsu l-emissjonijiet diretti u indiretti ta' N ₂ O minn ħamrija agrikola ġestita bl-użu ta' għelejjel li fihom il-proteini, fil-kuntest tar-Regolament dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika.

4.2	Approċċ Strateġiku għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-agrikoltura, il-foresti, iż-żoni rurali u s-sistemi tal-ikel. Il-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni biex jitrawmu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-għelejjel li fihom il-proteini u l-proteini alternattivi.
4.3	Il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-awtonomija lokali tal-għalf u l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-valorizzazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini permezz tan-network Ewropew tal-PAK.

5. Sfruttar tas-sħubija fil-viċinat Ewropew

Id	Azzjonijiet
5.1	Tiġi avvanzata l-kooperazzjoni mal-Ukrajna bħala kandidat għall-adeżjoni mal-UE biex tiġi ddiversifikata l-provvista tal-għelejjel li fihom il-proteini filwaqt li jiġu allinjati l-istandards tal-produzzjoni, inkluż il-Global Gateway.